Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel
Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

2025/0410(COD)

28.7.2026

EMENDI
533 - 826

Abbozz ta' rapport
Michele Picaro, Herbert Dorfmann
(PE789.113v01-00)

Emenda tar-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 1829/2003, (KE) Nru 1831/2003, (KE) Nru 852/2004, (KE) Nru 853/2004, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1099/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 528/2012 u (UE) 2017/625 fir-rigward tas-simplifikazzjoni u t-tisħiħ tar-rekwiżiti tas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf

Proposta għal regolament
(COM(2025)1030 – C10-0359/2025 – 2025/0410(COD))

Emenda 533
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(6a) Fl-Artikolu 13(2), il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:
2. Abbażi tar-rapport ta' reviżjoni, fatturi oħra li huma leġittimi għall-kwistjoni meqjusa u għall-prinċipju ta' prekawzjoni fejn ikunu rilevanti l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, għandu jiġi adottat Regolament skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 79(3), li jipprovdi li:	"2. Abbażi tar-rapport ta' reviżjoni, fatturi oħra li huma leġittimi għall-kwistjoni meqjusa u għall-prinċipju ta' prekawzjoni fejn ikunu rilevanti l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, għandu jiġi adottat Regolament skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 79(3) ***fi żmien 6 xhur***, li jipprovdi li:"

Or. en

(32009R1107)

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda żżid skadenza ta' 6 xhur biex jitħaffef l-ipproċessar tal-fajls.

Emenda 534
Martin Hojsík, Sigrid Friis, Michal Wiezik, Yvan Verougstraete, Stine Bosse

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 13 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***3a. Meta l-approvazzjoni ta' sustanza attiva tiġi rrifjutata, ir-Regolament tal-Kummissjoni adottat skont il-paragrafu 3 għandu jipprevedi li s-sustanza attiva ma għandhiex tiġi prodotta, maħżuna, ittrasportata jew imqiegħda fis-suq fl-**

Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-produtturi agrikoli tal-UE, huwa essenzjali li tiġi żgurata l-projbizzjoni fuq l-esportazzjoni ta' sustanzi pprojbiti, peress li l-esportazzjoni ta' sustanzi pprojbiti għandha effett detrimentali fuq il-kompetittività tas-settur tal-ikel tal-Unjoni. L-emenda tkompli ttejjeb il-protezzjoni tas-saħħa tan-nies, tal-annimali u tal-ambjent f'pajjiżi terzi u fl-Unjoni.

Emenda 535
Anja Hazekamp, Per Clausen, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) l-Artikolu 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"Artikolu 14	
Tiġdid tal-approvazzjoni	
1. Mal-applikazzjoni, l-approvazzjoni ta' sustanza attiva b'perjodu ta' approvazzjoni limitat għandha tiġi mġedda fejn jiġi stabbilit li l-kriterji għall-approvazzjoni previsti fl-Artikolu 4 ġew issodisfati.	
L-Artikolu 4 għandu jitqies li ġie ssodisfat meta dan ġie stabbilit fir-rigward ta' użu rappreżentattiv wieħed jew aktar ta' mill-inqas prodott wieħed għall-protezzjoni tal-pjanti li fih dik is-sustanza attiva.	
Tiġdid tal-approvazzjoni bħal dan jista' jinkludi kundizzjonijiet u restrizzjonijiet, kif imsemmija fl-Artikolu 6.	
2. It-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi għandu jkun għal perjodu illimitat, ħlief għal:	

(a) sustanzi attivi li huma approvati bħala kandidati għas-sostituzzjoni f'konformità mal-Artikolu 24,

(b) sustanzi attivi li l-approvazzjonijiet tagħhom jiġġeddu skont l-Artikolu 4(7); jew

(c) sustanzi attivi li għalihom jiġi stabbilit perjodu limitat ta' tiġdid f'konformità mal-Artikolu 6(j) b'mod partikolari fid-dawl tal-inċertezzi rilevanti li jirriżultaw mill-valutazzjoni tar-riskju inkluż bħala riżultat ta' lakuni fid-data.";
'

Or. en

Emenda 536
Stine Bosse, Sigrid Friis, Martin Hojsík, Karin Karlsbro, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) l-Artikolu 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"Artikolu 14	
Tiġdid tal-approvazzjoni	
1. Mal-applikazzjoni, l-approvazzjoni ta' sustanza attiva b'perjodu ta' approvazzjoni limitat għandha tiġi mġedda fejn jiġi stabbilit li l-kriterji għall-approvazzjoni previsti fl-Artikolu 4 ġew issodisfati.	
L-Artikolu 4 għandu jitqies li ġie ssodisfat meta dan ġie stabbilit fir-rigward ta' użu rappreżentattiv wieħed jew aktar ta' mill-inqas prodott wieħed għall-protezzjoni tal-pjanti li fih dik is-sustanza attiva.	
Tiġdid tal-approvazzjoni bħal dan jista' jinkludi kundizzjonijiet u restrizzjonijiet,	

kif imsemmija fl-Artikolu 6.

2. It-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi għandu jkun għal perjodu illimitat, ħlief għal:

(a) sustanzi attivi li huma approvati bħala kandidati għas-sostituzzjoni f'konformità mal-Artikolu 24,

(b) sustanzi attivi li l-approvazzjonijiet tagħhom jiġġeddu skont l-Artikolu 4(7); jew

(c) sustanzi attivi li għalihom jiġi stabbilit perjodu limitat ta' tiġdid f'konformità mal-Artikolu 6(j) b'mod partikolari fid-dawl tal-inċertezzi rilevanti li jirriżultaw mill-valutazzjoni tar-riskju inkluż bħala riżultat ta' lakuni fid-data.";

'

Or. en

Emenda 537
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 14	***imħassar***

Or. en

Emenda 538
Anne-Sophie Frigout, Gilles Pennelle, Marie-Luce Brasier-Clain, Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mal-applikazzjoni, l-approvazzjoni ta' sustanza attiva b'perjodu ta' approvazzjoni ***limitat*** għandha tiġi mġedda fejn jiġi stabbilit li l-kriterji għall-approvazzjoni previsti fl-Artikolu 4 ġew issodisfati.	Mal-applikazzjoni, l-approvazzjoni ta' sustanza attiva b'perjodu ta' approvazzjoni ***definita b'data ta' skadenza*** għandha tiġi mġedda fejn jiġi stabbilit li l-kriterji għall-approvazzjoni previsti fl-Artikolu 4 ġew issodisfati.

Or. fr

Emenda 539
Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Artikolu 4 għandu jitqies li ġie ssodisfat meta ***dan ġie stabbilit*** fir-rigward ta' użu rappreżentattiv wieħed jew aktar ta' mill-inqas prodott wieħed għall-protezzjoni tal-pjanti li fih dik is-sustanza attiva.	L-Artikolu 4 għandu jitqies li ġie ssodisfat ***biss*** meta ***l-kundizzjonijiet ta' dak l-artikolu jkunu ġew issodisfati bis-sħiħ mingħajr lakuni jew omissjonijiet fid-data,*** fir-rigward ta' użu rappreżentattiv wieħed jew aktar ta' mill-inqas prodott wieħed għall-protezzjoni tal-pjanti li fih dik is-sustanza attiva. ***Id-dossiers fejn għadhom jeżistu lakuni jew ommissjonijiet fid-data, jew fejn ma tistax tiġi żgurata protezzjoni sħiħa tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, ma għandhomx jingħataw approvazzjoni mill-ġdid.***

Or. en

Emenda 540
Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Tiġdid tal-approvazzjoni bħal dan ***jista'*** jinkludi kundizzjonijiet u restrizzjonijiet, kif imsemmija fl-Artikolu 6.	Tiġdid tal-approvazzjoni bħal dan ***għandu*** jinkludi kundizzjonijiet u restrizzjonijiet, kif imsemmija fl-Artikolu 6.

Or. en

Emenda 541
Biljana Borzan, Christophe Clergeau, Annalisa Corrado, Romana Jerković, Maria Noichl, Tiemo Wölken, Delara Burkhardt, Kristian Vigenin, Sakis Arnaoutoglou, Thomas Bajada, Mohammed Chahim, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 14 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi għandu ***jkun*** għal perjodu ***illimitat, ħlief għal:***	2. It-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi għandu ***jingħata*** għal perjodu ***ta' mhux aktar minn 15-il sena. B'deroga mill-ewwel subparagrafu, it-tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanzi attivi b'riskju baxx approvati f'konformità mal-Artikolu 22 jista' jingħata għal perjodu mhux itwal minn 20 sena, dment li l-kriterji tal-approvazzjoni jibqgħu jiġu ssodisfati. It-tiġdid għandu jkompli jkun ibbażat fuq valutazzjoni xjentifika komprensiva f'konformità ma' dan ir-Regolament.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tiġdid perjodiku huwa salvagwardja fundamentali biex jiġi żgurat li l-approvazzjonijiet ikomplu jirriflettu l-aħħar għarfien xjentifiku u tekniku. Perjodi itwal ta' tiġdid jistgħu jkunu ġġustifikati għal sustanzi attivi b'riskju baxx, iżda t-tiġdid illimitat idgħajjef l-approċċ preventiv u bbażat fuq ix-xjenza stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

Emenda 542
Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 14 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi għandu jkun għal perjodu ***illimitat, ħlief għal:***	2. It-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi għandu jkun għal perjodu ***ta' mhux aktar minn 15-il sena. Perjodi iqsar ta' approvazzjoni mill-ġdid f'konformità mal-Artikolu 4(7) għandhom japplikaw għal mhux aktar minn 5 snin. Is-sustanzi attivi li għalihom għad hemm lakuni fid-data ma għandhomx jiġġeddu. Approvazzjoni mill-ġdid illimitata għandha tapplika biss għal sustanzi attivi b'riskju baxx skont l-Artikolu 22 u għal sustanzi ta' kontroll bijoloġiku b'riskju baxx skont l-Artikolu 22a.***

Or. en

Emenda 543
Radan Kanev

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 14 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi għandu jkun għal perjodu ***illimitat***, ħlief għal:	2. ***It-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi koperti mill-Artikolu 4(7) għandu jkun għal perjodu ta' mhux aktar minn 5 snin.*** It-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi għandu jkun għal perjodu ***ta' mhux aktar minn 15-il sena***, ħlief għal:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Status quo tar-Reg Nru 1107/2009

Emenda 544
Christophe Clergeau

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 14 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi għandu jkun għal perjodu ***illimitat, ħlief għal:***	2. ***It-tiġdid tal-approvazzjoni għandu jkun għal perjodu ta' mhux aktar minn 15-il sena.*** It-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi ***koperti mill-Artikolu 4(7)*** għandu jkun għal perjodu ***ta' mhux aktar minn 5 snin.***

Or. en

Emenda 545
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 14 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi għandu jkun għal perjodu ***illimitat, ħlief għal:***	2. ***It-tiġdid tal-approvazzjoni għandu jkun għal perjodu ta' mhux aktar minn 15-il sena.*** It-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi ***koperti mill-Artikolu 4(7)*** għandu jkun għal perjodu ***ta' mhux aktar minn 5 snin***

Or. en

Emenda 546
Gerben-Jan Gerbrandy, Martin Hojsík, Pascal Canfin, Sigrid Friis, Stine Bosse, Michal Wiezik, Yvan Verougstraete

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 14 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi għandu jkun għal perjodu ***illimitat***, ħlief għal:	2. It-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi għandu jkun għal perjodu ***limitat, ta' mhux aktar minn 15-il sena***, ħlief għal:

Or. en

Emenda 547
Anne-Sophie Frigout, Gilles Pennelle, Marie-Luce Brasier-Clain, Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 14 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi għandu jkun għal perjodu ***illimitat***, ħlief għal:	2. It-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi għandu jkun għal perjodu ***mhux definit***, ħlief għal:

Or. fr

Emenda 548
Ton Diepeveen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 14 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tiġdid tal-approvazzjoni tas-	2. It-tiġdid tal-approvazzjoni tas-

sustanzi attivi għandu jkun għal perjodu ***illimitat***, ħlief għal:	sustanzi attivi għandu jkun għal perjodu ***ta' 10 snin***, ħlief għal:

Or. en

Emenda 549
Benoit Cassart, Olivier Chastel, Asger Christensen, Ciaran Mullooly

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 14 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi għandu jkun għal ***perjodu illimitat***, ħlief għal:	2. It-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi għandu jkun għal ***20 sena***, ħlief għal:

Or. en

Emenda 550
Biljana Borzan, Christophe Clergeau, Annalisa Corrado, Romana Jerković, Maria Noichl, Tiemo Wölken, Delara Burkhardt, Kristian Vigenin, Sakis Arnaoutoglou, Thomas Bajada, Mohammed Chahim, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) sustanzi attivi li huma approvati bħala kandidati għas-sostituzzjoni f'konformità mal-Artikolu 24,	***imħassar***

Or. en

Emenda 551
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) sustanzi attivi li huma approvati bħala kandidati għas-sostituzzjoni f'konformità mal-Artikolu 24,	***imħassar***

Or. en

Emenda 552
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) sustanzi attivi li l-approvazzjonijiet tagħhom jiġġeddu skont l-Artikolu 4(7); jew	***imħassar***

Or. en

Emenda 553
Biljana Borzan, Christophe Clergeau, Annalisa Corrado, Romana Jerković, Maria Noichl, Tiemo Wölken, Delara Burkhardt, Kristian Vigenin, Sakis Arnaoutoglou, Thomas Bajada, Mohammed Chahim, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) sustanzi attivi li l-approvazzjonijiet tagħhom jiġġeddu skont l-Artikolu 4(7); jew	***imħassar***

Or. en

Emenda 554
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) sustanzi attivi li għalihom jiġi stabbilit perjodu limitat ta' tiġdid f'konformità mal-Artikolu 6(j) b'mod partikolari fid-dawl tal-inċertezzi rilevanti li jirriżultaw mill-valutazzjoni tar-riskju inkluż bħala riżultat ta' lakuni fid-data.";	***imħassar***

Or. en

Emenda 555
Biljana Borzan, Christophe Clergeau, Annalisa Corrado, Romana Jerković, Maria Noichl, Tiemo Wölken, Delara Burkhardt, Kristian Vigenin, Sakis Arnaoutoglou, Thomas Bajada, Mohammed Chahim, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) sustanzi attivi li għalihom jiġi stabbilit perjodu limitat ta' tiġdid f'konformità mal-Artikolu 6(j) b'mod partikolari fid-dawl tal-inċertezzi rilevanti li jirriżultaw mill-valutazzjoni tar-riskju inkluż bħala riżultat ta' lakuni fid-data.";	***imħassar***

Or. en

Emenda 556
Anne-Sophie Frigout, Gilles Pennelle, Marie-Luce Brasier-Clain, Mireia Borrás Pabón, Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(10a) Il-paragrafu 2 tal-Artikolu 14 huwa emendat kif ġej:
2. It-tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanzi attivi koperti mill-Artikolu 4(7) għandu jkun ***perijodu*** ta' mhux aktar minn ***ħames snin***.	***"***2. It-tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanzi attivi koperti mill-Artikolu 4(7) għandu jkun ***perjodu*** ta' mhux aktar minn ***għaxar snin. Sabiex jitlob id-deroga msemmija fl-Artikolu 4(7), l-applikant ma għandux ikun meħtieġ jistenna l-proċedura ta' tiġdid tal-approvazzjoni***. ***"***

Or. fr

(https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2009/1107/oj)

Emenda 557
Benoit Cassart, Gerben-Jan Gerbrandy, Christine Singer, Olivier Chastel, Billy Kelleher, Barry Cowen, Jérémy Decerle, Elsi Katainen, Asger Christensen, Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 14 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. B'deroga mill-paragrafu 2, it-tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanzi ta' kontroll bijoloġiku u sustanzi attivi b'riskju baxx għandu jkun għal perjodu illimitat ħlief fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-punti (a) sa (c).

Or. en

Emenda 558
Christophe Clergeau

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 15 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) fl-Artikolu 15, jiżdied il-paragrafu li ġej:
	"2a. L-Istati Membri għandhom iqisu bħala ammissibbli biss l-applikazzjonijiet li jikkonformaw mar-Regolament (UE) Nru 283/2013 u mal-Artikolu 8(5).
	Kwalunkwe applikazzjoni sottomessa b'dossier li ma jkunx komplut jew li jonqos milli jissodisfa l-istandards ta' kwalità meħtieġa għandha tiġi rrifjutata.
	Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi kriterji dettaljati għall-kompletezza u għall-kwalità tad-dossiers biex tiżgura l-konsistenza u t-trasparenza fl-Istati Membri kollha."

Or. en

(32009R1107)

Emenda 559
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 15 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Fl-Artikolu 15, jiżdied paragrafu ġdid:
	"2a. L-Istati Membri għandhom iqisu bħala ammissibbli biss l-applikazzjonijiet għal tiġdid li jikkonformaw mar-

Regolament (UE) Nru 283/2013 u mal-Artikolu 8(5). Kwalunkwe applikazzjoni sottomessa b'dossier li ma jkunx komplut jew li jonqos milli jissodisfa l-istandards ta' kwalità meħtieġa għandha tiġi rrifjutata.

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi kriterji dettaljati għall-kompletezza u għall-kwalità tad-dossiers biex tiżgura l-konsistenza u t-trasparenza fl-Istati Membri kollha."

Or. en

(32009R1107)

Emenda 560
Anja Hazekamp, Per Clausen, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 17

Test fis-seħħ	*Emenda*
	***(9a) l-Artikolu 17 jitħassar**.*
Artikolu 17	
Estensjoni tal-perijodu ta' approvazzjoni għat-tul ta' żmien tal-proċedura	
Fejn għal raġunijiet li mhumiex fil-kontroll tal-applikant jidher li l-approvazzjoni x'aktarx tiskadi qabel ma' tittieħed deċiżjoni dwar it-tiġdid, għandha tiġi adottata deċiżjoni skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 79(3), li tipposponi l-iskadenza tal-perijodu għall-approvazzjoni għal dak l-applikant għal perijodu suffiċjenti biex tiġi eżaminata l-applikazzjoni.	
Regolament li jipposponi l-iskadenza għal perijodu suffiċjenti biex tiġi eżaminata l-applikazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 79(5) fejn applikant	

ma setax jagħti l-avviż ta' tliet snin meħtieġ skont l-Artikolu 15(1) billi s-sustanza attiva kienet inkluża fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE għal tul ta' żmien li skada qabel l-14 ta' Ġunju 2014.

It-tul ta' dak il-perijodu għandu jiġi stabbilit abbażi ta' dawn li ġejjin:

(a) iż-żmien meħtieġ biex tkun provduta l-informazzjoni mitluba;

(b) iż-żmien meħtieġ biex tkun ikkompletata l-proċedura;

(c) fejn xieraq, il-ħtieġa li jiġi żgurat l-istabbiliment ta' programm ta' ħidma koerenti, kif previst fl-Artikolu 18.

Or. en

(32009R1107)

Ġustifikazzjoni

Il-possibbiltà li l-perjodu ta' approvazzjoni jiġi estiż għat-tul tal-proċedura għandu jitħassar. Din il-possibbiltà ntużat iżżejjed, u dan wassal għal sitwazzjoni li fihom sustanzi attivi li jippreżentaw riskju konsiderevoli għas-saħħa tal-bnedmin, tal-annimali u tal-ambjent ilhom disponibbli fis-suq għal snin twal wara li skadiet l-approvazzjoni oriġinali tagħhom.

Emenda 561
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9b (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 17 – subparagrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(9b) Fl-Artikolu 17, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit bi:
Fejn għal raġunijiet li mhumiex fil-kontroll tal-applikant jidher li l-approvazzjoni x'aktarx tiskadi qabel ma' tittieħed deċiżjoni dwar it-tiġdid, għandha tiġi adottata deċiżjoni skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 79(3), li	Fejn għal raġunijiet li mhumiex fil-kontroll tal-applikant jidher li l-approvazzjoni x'aktarx tiskadi qabel ma' tittieħed deċiżjoni dwar it-tiġdid, għandha tiġi adottata deċiżjoni skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 79(3), li

tipposponi l-iskadenza ***tal-perijodu*** għall-approvazzjoni għal dak l-applikant għal ***perijodu suffiċjenti*** biex tiġi eżaminata l-applikazzjoni.	tipposponi l-iskadenza ***tal-perjodu*** għall-approvazzjoni għal dak l-applikant għal ***perjodu strettament meħtieġa*** biex tiġi eżaminata l-applikazzjoni***. Tali estensjonijiet għandhom ikunu eċċezzjonali, ta' natura temporanja, u mhux applikati b'mod sistematiku, u għandhom jitfasslu skont il-progress konkret tal-valutazzjoni tar-riskju***.

Or. en

(32009R1107)

Ġustifikazzjoni

Żdiedet l-aħħar parti (", li tipposponi ... tal-valutazzjoni tar-riskju")

Emenda 562
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9c (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 17 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9c) Fit-tmiem tal-Artikolu 17, jiżdied is-subparagrafu li ġej:
	"Il-Kummissjoni għandu jkollha d-diskrezzjoni li ma tagħtix estensjoni meta jkun jista' jiġi stabbilit li d-dewmien jirriżulta minn lakuni, nuqqasijiet, jew kwalità insuffiċjenti tad-dossier ippreżentat."

Or. en

Emenda 563
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) l-Artikolu 18 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"Artikolu 18	
Programm ta' ħidma għat-tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati	
1. Il-Kummissjoni għandha, perjodikament wara li tikkonsulta mal-Awtorità, tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), tidentifika sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati li għalihom għandha titwettaq proċedura ta' tiġdid.	
L-identifikazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati għandha tqis, fost l-oħrajn, l-indikazzjonijiet ta' tħassib dwar is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, l-għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid u d-data ta' monitoraġġ disponibbli u tista' tqis it-talbiet mill-Istati Membri.	
Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jidentifika s-sustanzi attivi rilevanti kollha, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, mhux aktar tard minn 3 snin wara li jsiru applikabbli l-emendi għall-kriterji tal-approvazzjoni stabbiliti fl-Anness II rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi, jew meta jsiru applikabbli r-rekwiżiti jew dokumenti ta' gwida aġġornati tad-data rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi.	
2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom:	
(a) jelenkaw is-sustanzi attivi kkonċernati;	
(b) jelenkaw l-Istati Membri relaturi u	

korelaturi;

(c) jistabbilixxu skadenzi għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati li jippermettu żmien suffiċjenti għall-ġenerazzjoni tad-data meħtieġa u s-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet imsemmija; u

(d) jistabbilixxu dati ta' skadenza għall-approvazzjonijiet tas-sustanzi attivi kkonċernati li jippermettu żmien suffiċjenti għas-sottomissjoni u għall-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet u għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati.

3. Għandhom japplikaw l-Artikoli 14, 15(2), 16, 17 u 20."; '

Or. en

Emenda 564
Anne-Sophie Frigout, Gilles Pennelle, Marie-Luce Brasier-Clain, Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Programm ta' ħidma għat-tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni ***illimitati***	Programm ta' ħidma għat-tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni ***li ma humiex ibbażati fuq iż-żmien u ma għandhomx data ta' skadenza speċifika:***

Or. fr

Emenda 565
Gheorghe Cârciu, Dan Nica, Ştefan Muşoiu, Vasile Dîncu, Andi Cristea, Dragoş Benea, Gabriela Firea

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Programm ta' ħidma għat-tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati	Programm ta' ħidma għat-tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanzi attivi ***b'riskju baxx u*** b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati

Or. en

Emenda 566
Radan Kanev

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Programm ta' ħidma għat-tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni ***illimitati***	Programm ta' ħidma għat-tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni ***limitati***

Or. en

Emenda 567
Anja Hazekamp, Per Clausen, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Programm ta' ħidma għat-tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanzi attivi ***b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati***	Programm ta' ħidma għat-tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanzi attivi

Or. en

Emenda 568
Paulo do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament Nru 1107/2009
Artikolu 18 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Programm ta' ħidma għat-tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati	***Rivalutazzjoni mmirata*** ta' sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati

Or. en

Emenda 569
Biljana Borzan, Christophe Clergeau, Annalisa Corrado, Romana Jerković, Maria Noichl, Tiemo Wölken, Delara Burkhardt, Kristian Vigenin, Sakis Arnaoutoglou, Thomas Bajada, Mohammed Chahim, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha, perjodikament wara li tikkonsulta mal-Awtorità, tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), tidentifika sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati li għalihom għandha titwettaq proċedura ta' tiġdid.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kontra approvazzjonijiet illimitati

Emenda 570
Christophe Clergeau

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha***, perjodikament wara li tikkonsulta mal-Awtorità***, tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), tidentifika sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati li għalihom għandha titwettaq proċedura ta' tiġdid.	Il-Kummissjoni għandha***, fuq bażi annwali, abbażi tal-programm ta' ħidma mħejji mill-Awtorità***, tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), tidentifika sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi ***strutturalment jew funzjonalment relatati*** b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati li għalihom għandha titwettaq proċedura ta' tiġdid. ***Għall-fini tal-ewwel subparagrafu, l-Awtorità għandha, fuq bażi annwali, tipproponi programm ta' ħidma lill-Kummissjoni għall-identifikazzjoni ta' sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi strutturalment jew funzjonalment relatati b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati li għalihom għandha titwettaq proċedura ta' tiġdid.***

Or. en

Emenda 571
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha, ***perjodikament*** wara li tikkonsulta mal-Awtorità, tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-	Il-Kummissjoni għandha, ***fuq bażi annwali*** wara li tikkonsulta mal-Awtorità, tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-

proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), tidentifika sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati li għalihom għandha titwettaq proċedura ta' tiġdid.

proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), tidentifika sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi ***strutturalment jew funzjonalment relatati*** b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati li għalihom għandha titwettaq proċedura ta' tiġdid. ***L-identifikazzjoni ta' tali gruppi għandha tiskatta valutazzjoni konġunta, li tista' tirriżulta f'restrizzjonijiet jew f'nuqqas ta' approvazzjoni għas-sustanzi kollha fil-grupp.***

Or. en

Emenda 572
Manuela Ripa

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha, ***perjodikament*** wara li tikkonsulta mal-Awtorità, tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), tidentifika sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati li għalihom għandha titwettaq proċedura ta' tiġdid.	Il-Kummissjoni għandha, ***kull sentejn*** wara li tikkonsulta mal-Awtorità, tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), tidentifika sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi ***strutturalment jew funzjonalment relatati*** b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati li għalihom għandha titwettaq proċedura ta' tiġdid. ***L-identifikazzjoni ta' tali gruppi għandha tiskatta valutazzjoni konġunta, li tista' tirriżulta f'restrizzjonijiet jew f'nuqqas ta' approvazzjoni għas-sustanzi kollha fil-grupp.***

Or. en

Emenda 573
Gerben-Jan Gerbrandy, Martin Hojsík, Pascal Canfin, Michal Wiezik, Yvan Verougstraete

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha, perjodikament wara li tikkonsulta mal-Awtorità, tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), tidentifika sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati li għalihom għandha titwettaq proċedura ta' tiġdid.	Il-Kummissjoni għandha, perjodikament ***u tal-inqas kull sena*** wara li tikkonsulta mal-Awtorità, tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), tidentifika sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi ***strutturalment jew funzjonalment relatati*** b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati li għalihom għandha titwettaq proċedura ta' tiġdid.

Or. en

Emenda 574
Anne-Sophie Frigout, Gilles Pennelle, Marie-Luce Brasier-Clain, Viktória Ferenc, Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni ***għandha***, perjodikament wara li tikkonsulta mal-Awtorità, tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), tidentifika sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni ***illimitati*** li għalihom għandha titwettaq proċedura ta' tiġdid.	Il-Kummissjoni ***tista'***, perjodikament***, jekk ikun meħtieġ,*** wara li tikkonsulta mal-Awtorità, tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), tidentifika sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni ***li ma għandhomx dati ta' skadenza speċifikati*** li għalihom għandha titwettaq proċedura ta' tiġdid.

Or. fr

Emenda 575
Flavio Tosi, Massimiliano Salini, Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha, perjodikament wara li tikkonsulta mal-Awtorità, tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), tidentifika sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati li għalihom għandha titwettaq proċedura ta' tiġdid.	***Fuq bażi eċċezzjonali,*** il-Kummissjoni għandha, perjodikament wara li tikkonsulta mal-Awtorità, tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), tidentifika sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati li għalihom għandha titwettaq proċedura ta' tiġdid.

Or. en

Emenda 576
Michele Picaro, Carlo Fidanza, Antonella Sberna, Nicola Procaccini, Pietro Fiocchi, Sergio Berlato, Paolo Inselvini, Stefano Cavedagna

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha, perjodikament wara li tikkonsulta mal-Awtorità, tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), tidentifika sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati li għalihom għandha titwettaq proċedura ta' tiġdid.	***Fuq bażi eċċezzjonali,*** il-Kummissjoni għandha, perjodikament wara li tikkonsulta mal-Awtorità, tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), tidentifika sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati li għalihom għandha titwettaq proċedura ta' tiġdid.

Or. en

Emenda 577
Benoit Cassart, Gerben-Jan Gerbrandy, Martin Hojsík, Olivier Chastel, Michal Wiezik,

Billy Kelleher, Barry Cowen, Jérémy Decerle, Elsi Katainen, Asger Christensen, Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha, perjodikament wara li tikkonsulta mal-Awtorità, tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), tidentifika sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati li għalihom għandha titwettaq proċedura ta' tiġdid.	Il-Kummissjoni għandha, perjodikament ***u tal-inqas kull sena*** wara li tikkonsulta mal-Awtorità, tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), tidentifika sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati li għalihom għandha titwettaq proċedura ta' tiġdid.

Or. en

Emenda 578
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha, ***perjodikament*** wara li tikkonsulta mal-Awtorità, tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), tidentifika sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati li għalihom għandha titwettaq proċedura ta' tiġdid.	Il-Kummissjoni għandha, ***tal-inqas kull 3 snin*** wara li tikkonsulta mal-Awtorità, tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), tidentifika sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati li għalihom għandha titwettaq proċedura ta' tiġdid.

Or. en

Emenda 579
Anja Hazekamp, Per Clausen, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha, ***perjodikament*** wara li tikkonsulta mal-Awtorità, tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), tidentifika sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi ***b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati*** li għalihom għandha titwettaq proċedura ta' tiġdid.	Il-Kummissjoni għandha, ***kull sena,*** wara li tikkonsulta mal-Awtorità, tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), tidentifika sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi li għalihom għandha titwettaq proċedura ta' tiġdid.

Or. en

Emenda 580
Radan Kanev

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha, perjodikament wara li tikkonsulta mal-Awtorità, tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), tidentifika sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni ***illimitati*** li għalihom għandha titwettaq proċedura ta' tiġdid.	Il-Kummissjoni għandha, perjodikament wara li tikkonsulta mal-Awtorità, tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), tidentifika sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni ***limitati*** li għalihom għandha titwettaq proċedura ta' tiġdid.

Or. en

Emenda 581
Veronika Vrecionová

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10

Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha, ***perjodikament*** wara li tikkonsulta mal-Awtorità, tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), tidentifika sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati li għalihom għandha titwettaq proċedura ta' tiġdid.	Il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta mal-Awtorità, tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), tidentifika sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati li għalihom għandha titwettaq proċedura ta' tiġdid.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tħassir tal-kelma "perjodikament" jiżgura li l-Kummissjoni tniedi programm ta' tiġdid biss meta jkun hemm tħassib ġustifikat li sustanza approvata jista' jkun li ma għadhiex tissodisfa l-kriterji tal-approvazzjoni. Id-data tal-monitoraġġ għandha tiggwida din id-deċiżjoni. Inkella, it-tiġdid regolari jimmina l-iskop tal-għoti ta' approvazzjonijiet għal perjodu indefinit.

Emenda 582
Ivan David, Anja Arndt, Volker Schnurrbusch, Marc Jongen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni ***għandha***, ***perjodikament*** wara li tikkonsulta mal-Awtorità, tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), tidentifika sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati li għalihom għandha titwettaq proċedura ta' tiġdid.	Il-Kummissjoni ***tista'***, wara li tikkonsulta mal-Awtorità, tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), tidentifika sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati li għalihom għandha titwettaq proċedura ta' tiġdid.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kelma "perjodikament" għandha tinqabeż, peress li ż-żmien meta jsiru l-attivitajiet għandu jkun ibbażat fuq informazzjoni ġdida, sejbiet u punti simili.

Emenda 583
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-inklużjoni fi programm ta' ħidma skont dan l-Artikolu għandha tkun limitata għal każijiet li fihom hemm bażi ta' evidenza xjentifika wiesgħa li tindika l-ħtieġa ta' rivalutazzjoni komprensiva tas-sustanza attiva. Ir-rivalutazzjoni mmirata skont l-Artikolu 18a għandha tkun l-approċċ standard għar-rieżami tas-sustanzi attivi approvati.

Or. en

Emenda 584
Gerben-Jan Gerbrandy, Martin Hojsík, Pascal Canfin, Michal Wiezik, Yvan Verougstraete

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-identifikazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati għandha tqis, fost l-oħrajn, l-indikazzjonijiet ta' tħassib ***dwar is-sikurezza*** għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, l-għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid ***u d-data*** ta' monitoraġġ disponibbli u ***tista' tqis it-***	L-identifikazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati għandha tqis, fost l-oħrajn, l-indikazzjonijiet ta' tħassib għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, l-għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid***, id-data*** ta' monitoraġġ disponibbli***, il-lakuni identifikati mill-Awtorità matul***

talbiet mill-Istati Membri.	***valutazzjonijiet preċedenti,*** u ***t-talbiet*** mill-Istati Membri***, inklużi dawk ibbażati fuq letteratura xjentifika miftuħa rieżaminata bejn il-pari. Meta Stat Membru jissottometti talba bħal din, il-Kummissjoni għandha tieħu azzjoni fi żmien 6 xhur minn meta tirċeviha. Meta l-Kummissjoni tirrifjuta t-talba, hija għandha tipprovdi deċiżjoni debitament ġustifikata u motivata.***
	Għal kull prodott għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx u kontroll bijoloġiku approvat għal perjodu illimitat, l-Awtorità għandha, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri, tiżviluppa protokoll ta' detezzjoni speċifiku għall-prodott, akkumpanjat minn parametri ta' monitoraġġ li jinkludu indikaturi rilevanti, valuri ta' skattar u kriterji ta' segwitu, sabiex jiġi żgurat li jiġu skattati miżuri ta' segwitu bbażati fuq ir-riskju abbażi tad-data ta' wara r-reġistrazzjoni u s-sinjali tas-sikurezza. L-iżvilupp ta' tali protokolli għandu jitwettaq f'konformità mal-programmi ta' ħidma rilevanti.
	Or. en

Emenda 585
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-identifikazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati għandha ***tqis, fost l-oħrajn,*** l-indikazzjonijiet ta' tħassib dwar is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, l-għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid u ***d-data*** ta' monitoraġġ disponibbli ***u tista' tqis*** it-	L-identifikazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati għandha ***tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi, u tiġi skattata meta tiġi ssodisfata kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:*** -indikazzjonijiet ta' tħassib dwar is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-

talbiet mill-Istati Membri.	ambjent, l-għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid ***inkluż dak li joriġina minn letteratura miftuħa xjentifika b'rieżami bejn il-pari***, u ***l-lakuni fid-data*** ta' monitoraġġ disponibbli ***identifikati mill-Awtorità matul il-valutazzjoni preċedenti, u għandha taġixxi fuq it-talbiet*** mill-Istati Membri. ***Meta Stat Membru jissottometti talba, il-Kummissjoni għandha taġixxi fi żmien 6 xhur. F'każ li l-Kummissjoni tirrifjuta t-talba minn Stat Membru, hija għandha tipprovdi deċiżjoni motivata debitament ġustifikata b'evidenza verifikabbli.***
	Or. en

Emenda 586
Manuela Ripa

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-identifikazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati għandha ***tqis, fost l-oħrajn,*** l-indikazzjonijiet ta' tħassib dwar is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, l-għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid u ***d-data*** ta' monitoraġġ disponibbli ***u tista' tqis*** it-talbiet mill-Istati Membri.	L-identifikazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati għandha ***tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi, u tiġi skattata meta tiġi ssodisfata kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:*** l-indikazzjonijiet ta' tħassib dwar is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, l-għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid ***inkluż dak li joriġina minn letteratura miftuħa xjentifika b'rieżami bejn il-pari***, u ***l-lakuni fid-data*** ta' monitoraġġ disponibbli ***identifikati mill-Awtorità matul il-valutazzjoni preċedenti, u għandha taġixxi fuq*** it-talbiet mill-Istati Membri. ***Meta Stat Membru jissottometti talba, il-Kummissjoni għandha taġixxi fi żmien 6 xhur. F'każ li l-Kummissjoni tirrifjuta t-talba, hija għandha tipprovdi deċiżjoni debitament ġustifikata u***

motivata.

Or. en

Emenda 587
Andreas Glück, Jan-Christoph Oetjen, Christine Singer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-identifikazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati għandha tqis, fost l-oħrajn, l-indikazzjonijiet ta' tħassib dwar is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, l-għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid u d-data ta' monitoraġġ disponibbli u tista' tqis it-talbiet mill-Istati Membri.	L-identifikazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati għandha tqis, fost l-oħrajn, l-indikazzjonijiet ta' tħassib dwar is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, l-għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid u d-data ta' monitoraġġ disponibbli u tista' tqis it-talbiet mill-Istati Membri. ***L-inklużjoni fi programm ta' ħidma għandha tkun limitata għal każijiet li fihom hemm evidenza xjentifika robusta li tissuġġerixxi l-ħtieġa ta' rivalutazzjoni tas-sustanza attiva. Ir-rivalutazzjoni mmirata skont l-Artikolu 18a ta' dan ir-Regolament għandha tkun l-approċċ standard għar-rieżami ta' sustanzi attivi li diġà ġew approvati.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-sistema attwali talloka kapaċità regolatorja eċċessiva għall-valutazzjoni ripetittiva ta' data rieżaminata qabel, li ddewwem l-evalwazzjoni ta' evidenza xjentifika ġdida u tar-riskji emerġenti. Bl-adozzjoni ta' approċċ immirat għar-rivalutazzjonijiet, il-Kummissjoni tista' tottimizza l-allokazzjoni tar-riżorsi, ittejjeb l-effiċjenza proċedurali, u tiżgura li s-sustanzi attivi fis-suq jibqgħu f'konformità stretta mal-istandards tas-sikurezza.

Emenda 588
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-identifikazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati ***għandha*** tqis***, fost l-oħrajn,*** l-indikazzjonijiet ***ta'*** tħassib dwar is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, l-għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid u d-data ta' monitoraġġ disponibbli u ***tista' tqis it-talbiet*** mill-Istati Membri.	L-identifikazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati tqis ***waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:*** l-indikazzjonijiet ***fuq*** tħassib dwar is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, l-għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid***, inkluż minn letteratura miftuħa,*** u d-data ta' monitoraġġ disponibbli***, lakuni identifikati mill-Awtorità matul il-valutazzjoni preċedenti***, u ***t-talbiet*** mill-Istati Membri. ***Meta Stat Membru jissottometti talba, il-Kummissjoni għandha taġixxi fuq dik it-talba fi żmien sena.***

Or. en

Emenda 589
Anja Hazekamp, Per Clausen, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-identifikazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati għandha ***tqis***, fost l-oħrajn, l-indikazzjonijiet ta' tħassib dwar is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, l-għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid ***u d-data*** ta' monitoraġġ disponibbli u ***tista' tqis it-talbiet*** mill-Istati Membri.	L-identifikazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati għandha ***tkun ibbażata***, fost l-oħrajn, l-indikazzjonijiet ta' tħassib dwar is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, l-għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid***, inkluża letteratura xjentifika miftuħa rieżaminata bejn il-pari, id-data*** ta' monitoraġġ disponibbli u ***inċertezzi jew lakuni fid-data identifikati mill-Awtorità matul evalwazzjoni preċedenti, u għandha tinkludi t-talbiet kollha*** mill-Istati Membri

fi żmien 6 xhur.

Or. en

Emenda 590
Benoit Cassart, Gerben-Jan Gerbrandy, Olivier Chastel, Charles Goerens, Billy Kelleher, Barry Cowen, Jérémy Decerle, Elsi Katainen, Asger Christensen, Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-identifikazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati għandha tqis, fost l-oħrajn, l-indikazzjonijiet ta' tħassib dwar is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, l-għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid u d-data ta' monitoraġġ disponibbli ***u tista'*** tqis it-talbiet mill-Istati Membri.	L-identifikazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati għandha tqis, fost l-oħrajn, l-indikazzjonijiet ta' tħassib dwar is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, l-għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid u d-data ta' monitoraġġ disponibbli***, inkluża dik ibbażata fuq letteratura xjentifika miftuħa rieżaminata bejn il-pari u informazzjoni pprovduta mid-detenturi ta' awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 56. Għandha*** tqis it-talbiet mill-Istati Membri.

Or. en

Emenda 591
Anne-Sophie Frigout, Gilles Pennelle, Marie-Luce Brasier-Clain, Mireia Borrás Pabón, Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-identifikazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati għandha tqis, fost l-oħrajn, l-indikazzjonijiet ta' tħassib dwar is-	L-identifikazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati għandha tqis, fost l-oħrajn, l-indikazzjonijiet ***minn sorsi esklużivament***

sikurezza għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, l-għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid u d-data ta' monitoraġġ disponibbli u tista' tqis it-talbiet mill-Istati Membri.	***xjentifiċi u*** ta' tħassib dwar is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, l-għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid ***miġjub għall-attenzjoni tal-EFSA*** u d-data ta' monitoraġġ disponibbli u tista' tqis it-talbiet mill-Istati Membri.

Or. fr

Emenda 592
Gheorghe Cârciu, Dan Nica, Ştefan Muşoiu, Vasile Dîncu, Andi Cristea, Dragoş Benea, Gabriela Firea

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-identifikazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati għandha tqis, fost l-oħrajn, l-indikazzjonijiet ta' tħassib dwar is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, l-għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid u d-data ta' monitoraġġ disponibbli u tista' tqis it-talbiet mill-Istati Membri.	L-identifikazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati għandha tqis, fost l-oħrajn, l-indikazzjonijiet ta' tħassib dwar is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, l-għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid u d-data ta' monitoraġġ disponibbli***, lakuni identifikati mill-Awtorità matul il-valutazzjoni preċedenti*** u tista' tqis it-talbiet mill-Istati Membri.

Or. en

Emenda 593
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-identifikazzjoni tas-sustanzi attivi	L-identifikazzjoni tas-sustanzi attivi

kkonċernati għandha tqis***, fost l-oħrajn,*** l-indikazzjonijiet ta' tħassib dwar is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, l-għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid u d-data ta' monitoraġġ disponibbli u tista' tqis ***it-talbiet*** mill-Istati Membri.	kkonċernati għandha tqis l-indikazzjonijiet ***wesgħin*** ta' tħassib ***sinifikanti*** dwar is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, l-għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid u d-data ta' monitoraġġ disponibbli u tista' tqis ***l-applikazzjonijiet*** mill-Istati Membri.

Or. ro

Emenda 594
Stefan Köhler, Norbert Lins, Andrea Wechsler, Lena Düpont

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-identifikazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati għandha tqis***, fost l-oħrajn,*** l-indikazzjonijiet ta' tħassib dwar is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, l-għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid u d-data ta' monitoraġġ disponibbli u tista' tqis it-talbiet mill-Istati Membri.	L-identifikazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati għandha tqis l-indikazzjonijiet ***wesgħin*** ta' tħassib ***sinifikanti*** dwar is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, l-għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid u d-data ta' monitoraġġ disponibbli u tista' tqis it-talbiet mill-Istati Membri.

Or. en

Emenda 595
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-identifikazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati għandha tqis, fost l-oħrajn, l-indikazzjonijiet ta' tħassib dwar is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem jew tal-	L-identifikazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati għandha tqis, fost l-oħrajn, l-indikazzjonijiet ta' tħassib ***sinifikanti*** dwar is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem jew

annimali jew għall-ambjent, l-għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid u d-data ta' monitoraġġ disponibbli u tista' tqis it-talbiet mill-Istati Membri.

tal-annimali jew għall-ambjent, l-għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid u d-data ta' monitoraġġ disponibbli u tista' tqis it-talbiet mill-Istati Membri.

Or. en

Emenda 596
Flavio Tosi, Massimiliano Salini, Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-identifikazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati għandha tqis***, fost l-oħrajn,*** l-indikazzjonijiet ta' tħassib dwar is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, l-għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid u d-data ta' monitoraġġ disponibbli u tista' tqis it-talbiet mill-Istati Membri.	L-identifikazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati għandha tqis l-indikazzjonijiet ***wesgħin*** ta' tħassib ***sinifikanti*** dwar is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, l-għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid u d-data ta' monitoraġġ disponibbli u tista' tqis it-talbiet mill-Istati Membri.

Or. en

Emenda 597
Michele Picaro, Carlo Fidanza, Antonella Sberna, Nicola Procaccini, Pietro Fiocchi, Sergio Berlato, Paolo Inselvini, Stefano Cavedagna

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-identifikazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati għandha tqis***, fost l-oħrajn,*** l-indikazzjonijiet ta' tħassib dwar is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, l-għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid u d-data ta'	L-identifikazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati għandha tqis l-indikazzjonijiet ***wesgħin*** ta' tħassib ***sinifikanti*** dwar is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, l-għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid u d-data ta'

monitoraġġ disponibbli u tista' tqis it-talbiet mill-Istati Membri.	monitoraġġ disponibbli u tista' tqis it-talbiet mill-Istati Membri.

Or. en

Emenda 598
Esther Herranz García, Gabriel Mato, Raúl de la Hoz Quintano, Carmen Crespo Díaz, Dolors Montserrat, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-identifikazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati għandha tqis***, fost l-oħrajn,*** l-indikazzjonijiet ta' tħassib dwar is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, l-għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid u d-data ta' monitoraġġ disponibbli u tista' tqis it-talbiet mill-Istati Membri.	L-identifikazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati għandha tqis l-indikazzjonijiet ***wesgħin*** ta' tħassib ***sinifikanti*** dwar is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, l-għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid u d-data ta' monitoraġġ disponibbli u tista' tqis it-talbiet mill-Istati Membri.

Or. en

Emenda 599
Christophe Clergeau

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-identifikazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati għandha tqis, fost l-oħrajn, l-indikazzjonijiet ta' tħassib dwar is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, l-għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid u d-data ta' monitoraġġ disponibbli u ***tista'*** tqis it-	L-identifikazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati għandha tqis, fost l-oħrajn, l-indikazzjonijiet ta' tħassib dwar is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, l-għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid u d-data ta' monitoraġġ disponibbli u ***għandha*** tqis it-

talbiet mill-Istati Membri.	talbiet mill-Istati Membri.

Or. en

Emenda 600
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jidentifika s-sustanzi attivi rilevanti kollha, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, mhux aktar tard minn ***3 snin*** wara li jsiru applikabbli l-emendi għall-kriterji tal-approvazzjoni stabbiliti fl-Anness II rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi, jew meta jsiru applikabbli r-rekwiżiti jew dokumenti ta' gwida aġġornati tad-data rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi.	Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jidentifika s-sustanzi attivi rilevanti kollha, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, mhux aktar tard minn ***6 xhur*** wara li jsiru applikabbli l-emendi għall-kriterji tal-approvazzjoni stabbiliti fl-Anness II rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi***, f'każ li jkunu ġew identifikati indikazzjonijiet ta' tħassib dwar is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid u data ta' monitoraġġ disponibbli jew lakuni fis-sikurezza***, jew meta jsiru applikabbli r-rekwiżiti jew dokumenti ta' gwida aġġornati tad-data rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi.

Or. en

Emenda 601
Manuela Ripa

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta'	Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta'

implimentazzjoni li jidentifika s-sustanzi attivi rilevanti kollha, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, mhux aktar tard minn ***3 snin*** wara li jsiru applikabbli l-emendi għall-kriterji tal-approvazzjoni stabbiliti fl-Anness II rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi, jew meta jsiru applikabbli r-rekwiżiti jew dokumenti ta' gwida aġġornati tad-data rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi.	implimentazzjoni li jidentifika s-sustanzi attivi rilevanti kollha, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, mhux aktar tard minn ***6 xhur*** wara li jsiru applikabbli l-emendi għall-kriterji tal-approvazzjoni stabbiliti fl-Anness II rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi, ***f'każ li jkunu ġew identifikati indikazzjonijiet ta' tħassib dwar is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid u data ta' monitoraġġ disponibbli jew lakuni fis-sikurezza*** jew meta jsiru applikabbli r-rekwiżiti jew dokumenti ta' gwida aġġornati tad-data rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi.
	Or. en

Emenda 602
Veronika Vrecionová

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jidentifika s-sustanzi attivi rilevanti kollha, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, mhux aktar tard minn 3 snin wara li jsiru applikabbli l-emendi għall-kriterji tal-approvazzjoni stabbiliti fl-Anness II rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi, jew meta jsiru applikabbli r-rekwiżiti jew dokumenti ta' gwida aġġornati tad-data rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi.	Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jidentifika s-sustanzi attivi rilevanti kollha, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, mhux aktar tard minn 3 snin wara li jsiru applikabbli l-emendi għall-kriterji tal-approvazzjoni stabbiliti fl-Anness II rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi, jew meta jsiru applikabbli r-rekwiżiti jew dokumenti ta' gwida aġġornati tad-data rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi ***jekk, bħala riżultat tal-aġġornament, jirriżultaw dubju dwar jekk għadhomx issodisfati l-kriterji tal-approvazzjoni***.
	Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda tiċċara l-għan tal-aġġornament tal-gwida. Aġġornament tal-metodoloġiji ma għandux jiskatta awtomatikament l-adozzjoni ta' att ta' implimentazzjoni. Tali azzjoni titqies biss meta l-metodoloġija aġġornata tqajjem dubji dwar jekk il-kriterji tal-approvazzjoni għadhomx issodisfati. Dan jiżgura approċċ proporzjonat u bbażat fuq l-evidenza filwaqt li jipprovdi ċertezza legali għall-partijiet kollha kkonċernati.

Emenda 603
Stefan Köhler, Norbert Lins, Andrea Wechsler, Lena Düpont

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jidentifika s-sustanzi attivi rilevanti kollha, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, mhux aktar tard minn 3 snin wara li jsiru applikabbli l-emendi għall-kriterji tal-approvazzjoni stabbiliti fl-Anness II rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi, jew meta jsiru applikabbli r-rekwiżiti jew dokumenti ta' gwida aġġornati tad-data rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi.	Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jidentifika s-sustanzi attivi rilevanti kollha, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, mhux aktar tard minn 3 snin wara li jsiru applikabbli l-emendi għall-kriterji tal-approvazzjoni stabbiliti fl-Anness II rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi, jew meta jsiru applikabbli r-rekwiżiti jew dokumenti ta' gwida aġġornati tad-data rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi ***f'każ ta' indikazzjoni ta' tħassib dwar is-sikurezza***.

Or. en

Emenda 604
Esther Herranz García, Gabriel Mato, Raúl de la Hoz Quintano, Carmen Crespo Díaz, Dolors Montserrat, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta'	Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta'

implimentazzjoni li jidentifika s-sustanzi attivi rilevanti kollha, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, mhux aktar tard minn 3 snin wara li jsiru applikabbli l-emendi għall-kriterji tal-approvazzjoni stabbiliti fl-Anness II rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi, jew meta jsiru applikabbli r-rekwiżiti jew dokumenti ta' gwida aġġornati tad-data rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi.	implimentazzjoni li jidentifika s-sustanzi attivi rilevanti kollha, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, mhux aktar tard minn 3 snin wara li jsiru applikabbli l-emendi għall-kriterji tal-approvazzjoni stabbiliti fl-Anness II rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi, jew meta jsiru applikabbli r-rekwiżiti jew dokumenti ta' gwida aġġornati tad-data rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi ***f'każ ta' indikazzjoni ta' tħassib dwar is-sikurezza***.

Or. en

Emenda 605
Flavio Tosi, Massimiliano Salini, Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jidentifika s-sustanzi attivi rilevanti kollha, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, mhux aktar tard minn 3 snin wara li jsiru applikabbli l-emendi għall-kriterji tal-approvazzjoni stabbiliti fl-Anness II rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi, jew meta jsiru applikabbli r-rekwiżiti jew dokumenti ta' gwida aġġornati tad-data rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi.	Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jidentifika s-sustanzi attivi rilevanti kollha, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, mhux aktar tard minn 3 snin wara li jsiru applikabbli l-emendi għall-kriterji tal-approvazzjoni stabbiliti fl-Anness II rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi, jew meta jsiru applikabbli r-rekwiżiti jew dokumenti ta' gwida aġġornati tad-data rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi ***f'każ ta' indikazzjoni ta' tħassib dwar is-sikurezza***.

Or. en

Emenda 606
Michele Picaro, Carlo Fidanza, Antonella Sberna, Nicola Procaccini, Pietro Fiocchi, Sergio Berlato, Paolo Inselvini, Stefano Cavedagna

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10

Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jidentifika s-sustanzi attivi rilevanti kollha, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, mhux aktar tard minn 3 snin wara li jsiru applikabbli l-emendi għall-kriterji tal-approvazzjoni stabbiliti fl-Anness II rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi, jew meta jsiru applikabbli r-rekwiżiti jew dokumenti ta' gwida aġġornati tad-data rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi.	Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jidentifika s-sustanzi attivi rilevanti kollha, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, mhux aktar tard minn 3 snin wara li jsiru applikabbli l-emendi għall-kriterji tal-approvazzjoni stabbiliti fl-Anness II rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi, jew meta jsiru applikabbli r-rekwiżiti jew dokumenti ta' gwida aġġornati tad-data rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi ***f'każ ta' indikazzjoni ta' tħassib dwar is-sikurezza***.

Or. en

Emenda 607
Anne-Sophie Frigout, Gilles Pennelle, Marie-Luce Brasier-Clain, Viktória Ferenc, Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni ***għandha*** tadotta att ta' implimentazzjoni li jidentifika s-sustanzi attivi rilevanti kollha, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, mhux aktar tard minn 3 snin wara li jsiru applikabbli l-emendi għall-kriterji tal-approvazzjoni stabbiliti fl-Anness II rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi, jew meta jsiru applikabbli r-rekwiżiti jew dokumenti ta' gwida aġġornati tad-data rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi.	Il-Kummissjoni ***tista'*** tadotta att ta' implimentazzjoni li jidentifika s-sustanzi attivi rilevanti kollha, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, mhux aktar tard minn 3 snin wara li jsiru applikabbli l-emendi għall-kriterji tal-approvazzjoni stabbiliti fl-Anness II rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi, jew meta jsiru applikabbli r-rekwiżiti jew dokumenti ta' gwida aġġornati tad-data rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi.

Or. fr

Emenda 608
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jidentifika s-sustanzi attivi rilevanti kollha, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, mhux aktar tard minn ***3 snin*** wara li jsiru applikabbli l-emendi għall-kriterji tal-approvazzjoni stabbiliti fl-Anness II rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi, jew meta jsiru applikabbli r-rekwiżiti jew dokumenti ta' gwida aġġornati tad-data rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi.	Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jidentifika s-sustanzi attivi rilevanti kollha, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, mhux aktar tard minn ***sena*** wara li jsiru applikabbli l-emendi għall-kriterji tal-approvazzjoni stabbiliti fl-Anness II rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi, jew meta jsiru applikabbli r-rekwiżiti jew dokumenti ta' gwida aġġornati tad-data rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi.

Or. en

Emenda 609
Gerben-Jan Gerbrandy, Martin Hojsík, Pascal Canfin, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jidentifika s-sustanzi attivi rilevanti kollha, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, mhux aktar tard minn ***3 snin*** wara li jsiru applikabbli l-emendi għall-kriterji tal-approvazzjoni stabbiliti fl-Anness II rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi, jew meta jsiru applikabbli r-rekwiżiti jew dokumenti ta' gwida aġġornati tad-data rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi.	Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jidentifika s-sustanzi attivi rilevanti kollha, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, mhux aktar tard minn ***sena*** wara li jsiru applikabbli l-emendi għall-kriterji tal-approvazzjoni stabbiliti fl-Anness II rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi, jew meta jsiru applikabbli r-rekwiżiti jew dokumenti ta' gwida aġġornati tad-data rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi.

Or. en

Emenda 610
Anja Hazekamp, Per Clausen, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jidentifika s-sustanzi attivi rilevanti kollha, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, mhux aktar tard minn ***3 snin*** wara li jsiru applikabbli l-emendi għall-kriterji tal-approvazzjoni stabbiliti fl-Anness II rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi, jew meta jsiru applikabbli r-rekwiżiti jew dokumenti ta' gwida aġġornati tad-data rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi.	Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jidentifika s-sustanzi attivi rilevanti kollha, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, mhux aktar tard minn sena wara li jsiru applikabbli l-emendi għall-kriterji tal-approvazzjoni stabbiliti fl-Anness II rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi, jew meta jsiru applikabbli r-rekwiżiti jew dokumenti ta' gwida aġġornati tad-data rilevanti għal dawn is-sustanzi attivi.

Or. en

Emenda 611
Christine Singer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-inklużjoni fi programm ta' ħidma skont dan l-Artikolu għandha tkun limitata għal każijiet li fihom hemm bażi ta' evidenza xjentifika wiesgħa li tindika l-ħtieġa ta' rivalutazzjoni komprensiva tas-sustanza attiva. Ir-rivalutazzjoni mmirata skont l-Artikolu 18a għandha tkun l-approċċ standard għar-rieżami tas-sustanzi attivi approvati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-sistema ta' rieżami attwali tiddedika riżorsi regolatorji sostanzjali għall-valutazzjoni ripetuta ta' informazzjoni evalwata qabel, filwaqt li tillimita l-kapaċità li jiġu indirizzati f'waqthom evidenza xjentifika u tħassib emerġenti ġodda. It-twettiq ta' rivalutazzjonijiet immirati tal-approċċ standard jippermetti li r-riżorsi jiġu ffukati fejn ikunu l-aktar rilevanti, filwaqt li jtejjeb l-effiċjenza u jiżgura b'mod effettiv li s-sustanzi attivi introdotti fis-suq ikomplu jilħqu l-istandards ta' sikurezza meħtieġa.

Emenda 612
Benoit Cassart, Gerben-Jan Gerbrandy, Martin Hojsík, Christine Singer, Pascal Canfin, Olivier Chastel, Michal Wiezik, Billy Kelleher, Barry Cowen, Jérémy Decerle, Elsi Katainen, Asger Christensen, Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jelenkaw l-Istati Membri relaturi u korelaturi;	(b) jelenkaw l-Istati Membri relaturi u korelaturi ***jew l-Awtorità jekk applikabbli***;

Or. en

Emenda 613
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jistabbilixxu skadenzi għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati li ***jippermettu żmien suffiċjenti għall-ġenerazzjoni tad-data meħtieġa u s-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet imsemmija***; u	(c) jistabbilixxu skadenzi għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati li ***għandhom jiġu sottomessi minn produttur tas-sustanza attiva lil Stat Membru, b'kopja simultanja mibgħuta lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri l-oħra kollha u lill-Awtorità, mhux aktar tard minn 3 snin wara l-adozzjoni tal-att ta'***

	implimentazzjoni. L-applikazzjonijiet sottomessi wara dik l-iskadenza għandhom jitqiesu inammissibbli u l-approvazzjoni għandha tiskadi immedjatament; u

Or. en

Emenda 614
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jistabbilixxu skadenzi għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati li jippermettu żmien suffiċjenti għall-ġenerazzjoni tad-data meħtieġa u s-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet imsemmija; ***u***	(c) jistabbilixxu skadenzi għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati li jippermettu żmien suffiċjenti għall-ġenerazzjoni tad-data meħtieġa u s-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet imsemmija; ***L-applikazzjonijiet għat-tiġdid għandhom jiġu sottomessi minn produttur lil Stat Membru, b'kopja mibgħuta lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri l-oħra u lill-Awtorità, mhux aktar tard minn 3 snin wara l-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni.***

Or. en

Emenda 615
Manuela Ripa

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jistabbilixxu skadenzi għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati ***li jippermettu żmien suffiċjenti għall-ġenerazzjoni tad-data meħtieġa u s-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet imsemmija; u***	(c) jistabbilixxu skadenzi għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati***.***
	L-applikazzjonijiet għat-tiġdid għandhom jiġu sottomessi minn produttur tas-sustanza attiva lil Stat Membru, b'kopja simultanja mibgħuta lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri l-oħra kollha u lill-Awtorità, mhux aktar tard minn 3 snin wara l-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni.

Or. en

Emenda 616
Anja Hazekamp, Per Clausen, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jistabbilixxu skadenzi għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati li jippermettu żmien suffiċjenti għall-ġenerazzjoni tad-data meħtieġa u s-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet imsemmija; u	(c) jistabbilixxu skadenzi għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati li jippermettu żmien suffiċjenti għall-ġenerazzjoni tad-data meħtieġa u s-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet imsemmija***, iżda li ma jaqbiżx it-12-il xahar***; u

Or. en

Emenda 617
Esther Herranz García, Gabriel Mato, Raúl de la Hoz Quintano, Carmen Crespo Díaz, Dolors Montserrat, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) jispeċifikaw liema dokumenti ta' gwida għandhom jitqiesu mill-applikanti fil-ħin tas-sottomissjoni; u

Or. en

Emenda 618
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) jispeċifikaw liema dokumenti ta' gwida għandhom jitqiesu mill-applikanti fil-ħin tas-sottomissjoni; u

Or. en

Emenda 619
Stefan Köhler, Norbert Lins, Andrea Wechsler, Lena Düpont

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) jispeċifikaw liema dokumenti ta' gwida għandhom jitqiesu mill-applikanti

fil-ħin tas-sottomissjoni; u

Or. en

Emenda 620
Michele Picaro, Carlo Fidanza, Antonella Sberna, Nicola Procaccini, Pietro Fiocchi, Sergio Berlato, Paolo Inselvini, Stefano Cavedagna

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) jispeċifikaw liema dokumenti ta' gwida għandhom jitqiesu mill-applikanti fil-ħin tas-sottomissjoni; u

Or. en

Emenda 621
Gheorghe Cârciu, Dan Nica, Ştefan Muşoiu, Vasile Dîncu, Andi Cristea, Dragoş Benea, Gabriela Firea

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jistabbilixxu dati ta' skadenza għall-approvazzjonijiet tas-sustanzi attivi kkonċernati li jippermettu żmien suffiċjenti għas-sottomissjoni u għall-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet u għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati.	(d) jistabbilixxu dati ta' skadenza għall-approvazzjonijiet tas-sustanzi attivi kkonċernati li jippermettu żmien suffiċjenti għas-sottomissjoni u għall-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet u għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati. ***L-applikazzjonijiet għat-tiġdid għandhom jiġu sottomessi minn produttur tas-sustanza attiva lil Stat Membru, b'kopja simultanja mibgħuta lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri l-oħra***

kollha u lill-Awtorità.

Or. en

Emenda 622
Anja Hazekamp, Per Clausen, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jistabbilixxu dati ta' skadenza għall-approvazzjonijiet tas-sustanzi attivi kkonċernati li jippermettu żmien suffiċjenti għas-sottomissjoni u għall-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet u għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati.	(d) jistabbilixxu dati ta' skadenza għall-approvazzjonijiet tas-sustanzi attivi kkonċernati li jippermettu żmien suffiċjenti għas-sottomissjoni u għall-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet u għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati***, iżda li ma jaqbiżx it-18-il xahar***.

Or. en

Emenda 623
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Jiddaħħal Artikolu 18a ġdid:	***imħassar***
"Artikolu 18a	
Programm ta' ħidma għar-rivalutazzjoni mmirata tas-sustanzi attivi	
1. Il-Kummissjoni tista' tibda rivalutazzjoni mmirata tal-approvazzjoni	

ta' sustanzi attivi fi kwalunkwe ħin, biex tivverifika jekk ċerti kriterji ta' approvazzjoni jew aspetti speċifiċi tagħhom għadhomx issodisfati, fid-dawl tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali.

Hija tista', wara li tikkonsulta lill-Awtorità, u f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), tadotta atti ta' implimentazzjoni li jidentifikaw sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni limitati jew illimitat għal rivalutazzjoni mmirata.

L-identifikazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati għandha tkun ibbażata fuq l-istess kriterji kif stabbiliti fl-Artikolu 18(1).

2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom:

(a) jelenkaw is-sustanzi attivi kkonċernati;

(b) jelenkaw l-Istati Membri relaturi u korelaturi;

(c) jistabbilixxu l-kamp ta' applikazzjoni tar-rivalutazzjoni mmirata għas-sustanzi attivi kkonċernati, u jindikaw ir-rekwiżiti speċifiċi tad-data li japplikaw u, fejn rilevanti, id-dokumenti ta' gwida u/jew l-opinjonijiet xjentifiċi li għandhom jintużaw; u

(d) jistabbilixxu skadenzi għas-sottomissjoni tal-informazzjoni meħtieġa għas-sustanzi attivi kkonċernati li jippermettu żmien suffiċjenti għall-ġenerazzjoni tad-data meħtieġa u s-sottomissjoni tal-informazzjoni.

3. Meta l-Kummissjoni tikkonkludi li tintwera l-konformità mal-kriterji rilevanti ta' approvazzjoni koperti mir-rivalutazzjoni mmirata, hija għandha tadotta att ta' implimentazzjoni, li jikkonferma l-approvazzjoni, fejn applikabbli, mal-kundizzjonijiet u mar-restrizzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 6, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3).

4. Meta l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2(d) ma tkunx ġiet ipprovduta fil-perjodu ta' żmien stabbilit, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jirtira l-approvazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3).

Meta l-Kummissjoni tikkonkludi li l-kriterji għall-approvazzjoni koperti mir-rivalutazzjoni mmirata ma għadhomx issodisfati, hija għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jirtira l-approvazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3). F'każ li tapplika d-deroga stabbilita fl-Artikolu 4(7), dak l-att ta' implimentazzjoni jista' jemenda l-approvazzjoni.

5. Għandhom japplikaw l-Artikoli 13(4), 17 u 20(2).”; ’

Or. en

Emenda 624
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni ***tista'*** tibda rivalutazzjoni mmirata tal-approvazzjoni ta' sustanzi attivi fi kwalunkwe ħin, biex tivverifika jekk ċerti kriterji ta' approvazzjoni jew aspetti speċifiċi tagħhom għadhomx issodisfati, fid-dawl tal-għarfien xjentifiku u tekniku ***attwali***.	Il-Kummissjoni ***għandha*** tibda rivalutazzjoni mmirata tal-approvazzjoni ta' sustanzi attivi fi kwalunkwe ħin, ***meta evidenza xjentifika ġdida rilevanti għall-kriterji tal-approvazzjoni li ma tkunx ġiet ivvalutata qabel tindika li wieħed jew aktar mill-kriterji tal-approvazzjoni, jew aspetti speċifiċi tagħhom, jista' jkun li ma għadhomx issodisfati,*** biex tivverifika jekk ċerti kriterji ta' approvazzjoni jew aspetti speċifiċi tagħhom għadhomx issodisfati, fid-dawl tal-għarfien xjentifiku u tekniku ***rilevanti***.

Or. en

Emenda 625
Biljana Borzan, Christophe Clergeau, Annalisa Corrado, Romana Jerković, Maria Noichl, Tiemo Wölken, Delara Burkhardt, Kristian Vigenin, Sakis Arnaoutoglou, Thomas Bajada, Mohammed Chahim, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tista' tibda rivalutazzjoni mmirata tal-approvazzjoni ta' sustanzi attivi fi kwalunkwe ħin, biex tivverifika jekk ċerti kriterji ta' approvazzjoni jew aspetti speċifiċi tagħhom għadhomx issodisfati, fid-dawl tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali.	Il-Kummissjoni tista' tibda rivalutazzjoni mmirata tal-approvazzjoni ta' sustanzi attivi fi kwalunkwe ħin, biex tivverifika jekk ċerti kriterji ta' approvazzjoni jew aspetti speċifiċi tagħhom għadhomx issodisfati, fid-dawl tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali. ***Rivalutazzjoni mmirata għandha tinbeda wkoll fi kwalunkwe ħin wara talba debitament ġustifikata minn Stat Membru wieħed jew aktar, jew mill-Awtorità.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-deċiżjonijiet dwar ir-rivalutazzjoni mmirata ma għandhomx jiddependu biss mill-inizjattiva tal-Kummissjoni. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jitolbu rivalutazzjoni meta jkun hemm evidenza xjentifika ġdida li tagħti lok għal tħassib, filwaqt li l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għandha tkun tista' tavża formalment lill-Kummissjoni meta ikun hemm żviluppi xjentifiċi li jindikaw li sustanza attiva jista' jkun li ma għadhiex tissodisfa l-kriterji ta' approvazzjoni. Dan isaħħaħ l-indipendenza, it-trasparenza u l-bażi xjentifika tal-proċess ta' rivalutazzjoni.

Emenda 626
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni ***tista'*** tibda rivalutazzjoni mmirata ***tal-approvazzjoni ta' sustanzi attivi fi kwalunkwe ħin, biex tivverifika jekk ċerti kriterji ta' approvazzjoni jew aspetti speċifiċi tagħhom għadhomx issodisfati, fid-dawl tal-għarfien*** xjentifiku ***u*** tekniku ***attwali***.	Il-Kummissjoni ***għandha*** tibda rivalutazzjoni mmirata ***mingħajr dewmien żejjed meta jkun hemm raġunijiet raġonevoli, ibbażati fuq għarfien*** xjentifiku ***jew*** tekniku***, biex tikkonkludi li l-kriterji għall-approvazzjoni jista' jkun li ma għadhomx issodisfati, u f'każijiet oħra tista' tibda tali rivalutazzjoni wara li tikkonsulta lill-Awtorità***.

Or. en

Emenda 627
Benoit Cassart, Gerben-Jan Gerbrandy, Martin Hojsík, Pascal Canfin, Olivier Chastel, Michal Wiezik, Charles Goerens, Billy Kelleher, Barry Cowen, Jérémy Decerle, Elsi Katainen, Asger Christensen, Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tista' tibda rivalutazzjoni mmirata tal-approvazzjoni ta' sustanzi attivi fi kwalunkwe ħin, biex tivverifika jekk ċerti kriterji ta' approvazzjoni jew aspetti speċifiċi tagħhom għadhomx issodisfati, fid-dawl tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali.	Il-Kummissjoni***, jew wara talba minn Stat Membru,*** tista' tibda rivalutazzjoni mmirata tal-approvazzjoni ta' sustanzi attivi fi kwalunkwe ħin, biex tivverifika jekk ċerti kriterji ta' approvazzjoni jew aspetti speċifiċi tagħhom għadhomx issodisfati, fid-dawl tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali.

Or. en

Emenda 628
Anne-Sophie Frigout, Gilles Pennelle, Marie-Luce Brasier-Clain, Mireia Borrás Pabón, Viktória Ferenc, Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11

Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tista' tibda rivalutazzjoni mmirata tal-approvazzjoni ta' sustanzi attivi fi kwalunkwe ħin, biex tivverifika jekk ċerti kriterji ta' approvazzjoni jew aspetti speċifiċi tagħhom għadhomx issodisfati, fid-dawl tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali.	Il-Kummissjoni tista' tibda rivalutazzjoni mmirata tal-approvazzjoni ta' sustanzi attivi fi kwalunkwe ħin, biex tivverifika jekk ċerti kriterji ta' approvazzjoni jew aspetti speċifiċi tagħhom għadhomx issodisfati, fid-dawl tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali ***miġjub għall-attenzjoni tal-EFSA***.

Or. fr

Emenda 629
Anja Hazekamp, Per Clausen, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni ***tista'*** tibda ***rivalutazzjoni*** mmirata tal-approvazzjoni ta' sustanzi attivi fi kwalunkwe ħin, biex tivverifika jekk ċerti kriterji ta' approvazzjoni jew aspetti speċifiċi tagħhom għadhomx issodisfati, fid-dawl tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali.	Il-Kummissjoni ***għandha*** tibda ***rivalutazzjonijiet*** mmirata tal-approvazzjoni ta' sustanzi attivi***, u tista' tagħmel dan*** fi kwalunkwe ħin, biex tivverifika jekk ċerti kriterji ta' approvazzjoni jew aspetti speċifiċi tagħhom għadhomx issodisfati, fid-dawl tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali.

Or. en

Emenda 630
Anne-Sophie Frigout, Gilles Pennelle, Marie-Luce Brasier-Clain, Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Hija tista', wara li tikkonsulta lill-Awtorità, u f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), tadotta atti ta' implimentazzjoni li jidentifikaw sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni ***limitati jew illimitat*** għal rivalutazzjoni mmirata.	Hija tista', wara li tikkonsulta lill-Awtorità, u f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), tadotta atti ta' implimentazzjoni li jidentifikaw sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni ***b'data ta' skadenza definita jew mhux definita*** għal rivalutazzjoni mmirata.

Or. fr

Emenda 631
Gheorghe Cârciu, Dan Nica, Ştefan Muşoiu, Vasile Dîncu, Andi Cristea, Dragoş Benea, Gabriela Firea

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Hija tista', wara li tikkonsulta lill-Awtorità, u f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), tadotta atti ta' implimentazzjoni li jidentifikaw sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni limitati jew illimitat għal rivalutazzjoni mmirata.	Hija tista', wara li tikkonsulta lill-Awtorità, u f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), tadotta atti ta' implimentazzjoni li jidentifikaw sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi ***b'riskju baxx*** b'perjodi ta' approvazzjoni limitati jew illimitat għal rivalutazzjoni mmirata.

Or. en

Emenda 632
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Hija ***tista'***, wara li tikkonsulta lill-Awtorità, u f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), tadotta atti ta' implimentazzjoni li jidentifikaw sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni limitati jew illimitat għal rivalutazzjoni mmirata.	Hija ***għandha***, wara li tikkonsulta lill-Awtorità, u f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), tadotta atti ta' implimentazzjoni li jidentifikaw sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni limitati jew illimitat għal rivalutazzjoni mmirata.

Or. en

Emenda 633
Biljana Borzan, Christophe Clergeau, Annalisa Corrado, Romana Jerković, Maria Noichl, Tiemo Wölken, Delara Burkhardt, Kristian Vigenin, Sakis Arnaoutoglou, Thomas Bajada, Mohammed Chahim, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Hija tista', wara li tikkonsulta lill-Awtorità, u f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), tadotta atti ta' implimentazzjoni li jidentifikaw sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi ***b'perjodi ta' approvazzjoni limitati jew illimitat*** għal rivalutazzjoni mmirata.	***Il-Kummissjoni*** tista', wara li tikkonsulta lill-Awtorità, u f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), tadotta atti ta' implimentazzjoni li jidentifikaw sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi għal rivalutazzjoni mmirata.

Or. en

Emenda 634
Anja Hazekamp, Per Clausen, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Hija ***tista'***, wara li tikkonsulta lill-Awtorità, u f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), tadotta atti ta' implimentazzjoni li jidentifikaw sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi ***b'perjodi ta' approvazzjoni limitati jew illimitat*** għal rivalutazzjoni mmirata.	Hija ***għandha***, wara li tikkonsulta lill-Awtorità ***jew fuq talba tal-Istati Membri***, u f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), tadotta atti ta' implimentazzjoni li jidentifikaw sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi għal rivalutazzjoni mmirata.

Or. en

Emenda 635
Radan Kanev

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Hija tista', wara li tikkonsulta lill-Awtorità, u f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), tadotta atti ta' implimentazzjoni li jidentifikaw sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni limitati ***jew illimitat*** għal rivalutazzjoni mmirata.	Hija tista', wara li tikkonsulta lill-Awtorità, u f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), tadotta atti ta' implimentazzjoni li jidentifikaw sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni limitati għal rivalutazzjoni mmirata.

Or. en

Emenda 636
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18a – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Ir-rivalutazzjoni mmirata għandha tħares biss lejn l-aspetti identifikati mill-evidenza

xjentifika.

Or. en

Emenda 637
Gerben-Jan Gerbrandy, Martin Hojsík, Pascal Canfin, Sigrid Friis, Michal Wiezik, Yvan Verougstraete

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-identifikazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati għandha ***tkun ibbażata fuq l-istess kriterji kif stabbiliti fl-Artikolu 18(1)***.	L-identifikazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati għandha ***tqis dawn li ġejjin: informazzjoni nnotifikata minn detenturi ta' awtorizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 56; kwalunkwe indikazzjoni oħra ta' tħassib dwar is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għall-ambjent; għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid; data ta' monitoraġġ disponibbli; u talbiet mill-Istati Membri***.

Or. en

Emenda 638
Veronika Vrecionová

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18a – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Ir-rivalutazzjoni mmirata ta' sustanza attiva għandha tkun limitata għall-kriterji tal-approvazzjoni, għat-tħassib xjentifiku jew għall-għarfien tekniku ġdid speċifiċi identifikati fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1. L-applikanti għandhom ikunu meħtieġa

	jissottomettu biss data rilevanti għal-ambitu ta' dik ir-rivalutazzjoni. Ma għandha tkun meħtieġa l-ebda sottomissjoni mill-ġdid komprensiva ta' data vvalutata qabel sakemm ma tkunx debitament ġustifikata għal raġunijiet xjentifiċi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għan ta' rivalutazzjoni mmirata huwa li r-riżorsi regolatorji jiġu ffukati fuq tħassib dwar is-sikurezza u żviluppi xjentifiċi ġodda identifikati. Ir-rekwiżit li l-applikanti jerġgħu jissottomettu dossiers kompluti jimmina l-objettiv tas-simplifikazzjoni u joħloq piż amministrattiv bla bżonn kemm għall-awtoritajiet kif ukoll għall-applikanti. Għalhekk, l-emenda tiċċara li t-talbiet għad-data għandhom ikunu proporzjonati u limitati għall-kwistjonijiet speċifiċi li jkunu qed jiġu rieżaminati, filwaqt li tippreżerva bis-sħiħ il-possibbiltà li tintalab informazzjoni addizzjonali meta jkun xjentifikament ġustifikat.

Emenda 639
Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18a – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jelenkaw is-sustanzi attivi kkonċernati;	(a) jelenkaw is-sustanzi attivi kkonċernati ***filwaqt li jiżguraw li l-perikli u l-mogħdijiet ta' esponiment kollha rilevanti jkunu koperti f'konformità mal-għarfien xjentifiku attwali***;

Or. en

Emenda 640
Benoit Cassart, Gerben-Jan Gerbrandy, Martin Hojsík, Christine Singer, Pascal Canfin, Olivier Chastel, Michal Wiezik, Billy Kelleher, Barry Cowen, Jérémy Decerle, Elsi Katainen, Asger Christensen, Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18a – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jelenkaw l-Istati Membri relaturi u korelaturi;	(b) jelenkaw l-Istati Membri relaturi u korelaturi***, jew lill-Awtorità jekk applikabbli***;

Or. en

Emenda 641
Michele Picaro, Carlo Fidanza, Antonella Sberna, Nicola Procaccini, Pietro Fiocchi, Sergio Berlato, Paolo Inselvini, Stefano Cavedagna

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jistabbilixxu l-kamp ta' applikazzjoni tar-rivalutazzjoni mmirata għas-sustanzi attivi kkonċernati, u jindikaw ir-rekwiżiti speċifiċi tad-data li japplikaw u, fejn rilevanti, id-dokumenti ta' gwida u/jew l-opinjonijiet xjentifiċi li għandhom jintużaw; u	(c) jistabbilixxu l-kamp ta' applikazzjoni tar-rivalutazzjoni mmirata għas-sustanzi attivi kkonċernati, u jindikaw ir-rekwiżiti speċifiċi tad-data li japplikaw u, fejn rilevanti, id-dokumenti ta' gwida u/jew l-opinjonijiet xjentifiċi li għandhom jintużaw ***b'mod esklużiv***; u

Or. en

Emenda 642
Stefan Köhler, Norbert Lins, Andrea Wechsler, Lena Düpont

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) 1107/2009
Artikolu 18a – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jistabbilixxu l-kamp ta'	(c) jistabbilixxu l-kamp ta'

applikazzjoni tar-rivalutazzjoni mmirata għas-sustanzi attivi kkonċernati, u jindikaw ir-rekwiżiti speċifiċi tad-data li japplikaw u, fejn rilevanti, id-dokumenti ta' gwida u/jew l-opinjonijiet xjentifiċi li għandhom jintużaw; u	applikazzjoni tar-rivalutazzjoni mmirata għas-sustanzi attivi kkonċernati, u jindikaw ir-rekwiżiti speċifiċi tad-data li japplikaw u, fejn rilevanti, id-dokumenti ta' gwida u/jew l-opinjonijiet xjentifiċi li għandhom jintużaw ***b'mod esklużiv***; u

Or. en

Emenda 643
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18a – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jistabbilixxu l-kamp ta' applikazzjoni tar-rivalutazzjoni mmirata għas-sustanzi attivi kkonċernati, u jindikaw ir-rekwiżiti speċifiċi tad-data li japplikaw u, fejn rilevanti, id-dokumenti ta' gwida u/jew l-opinjonijiet xjentifiċi li għandhom jintużaw; u	(c) jistabbilixxu l-kamp ta' applikazzjoni tar-rivalutazzjoni mmirata għas-sustanzi attivi kkonċernati, u jindikaw ir-rekwiżiti speċifiċi tad-data li japplikaw u, fejn rilevanti, id-dokumenti ta' gwida u/jew l-opinjonijiet xjentifiċi li għandhom jintużaw ***b'mod esklużiv***; u

Or. en

Emenda 644
Anja Hazekamp, Per Clausen, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18a – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jistabbilixxu skadenzi għas-sottomissjoni tal-informazzjoni meħtieġa għas-sustanzi attivi kkonċernati li jippermettu żmien suffiċjenti għall-ġenerazzjoni tad-data meħtieġa u s-	(d) jistabbilixxu skadenzi għas-sottomissjoni tal-informazzjoni meħtieġa għas-sustanzi attivi kkonċernati li jippermettu żmien suffiċjenti għall-ġenerazzjoni tad-data tal-infmeħtieġa u s-

sottomissjoni tal-informazzjoni.	sottomissjoni ormazzjoni***, iżda li ma jaqbżux it-12-il xahar***.

Or. en

Emenda 645
Anne-Sophie Frigout, Gilles Pennelle, Marie-Luce Brasier-Clain, Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18a – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jistabbilixxu skadenzi għas-sottomissjoni tal-informazzjoni meħtieġa għas-sustanzi attivi kkonċernati li jippermettu żmien suffiċjenti għall-ġenerazzjoni tad-data meħtieġa u s-sottomissjoni tal-informazzjoni.	(d) jistabbilixxu skadenzi għas-sottomissjoni tal-informazzjoni meħtieġa għas-sustanzi attivi kkonċernati li jippermettu żmien suffiċjenti għall-ġenerazzjoni tad-data meħtieġa u s-sottomissjoni tal-informazzjoni ***min-naħa tal-applikant***.

Or. fr

Emenda 646
Flavio Tosi, Massimiliano Salini, Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18a – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Is-sustanzi attivi, l-aġenti protettivi u s-sinerġisti ma jistgħux ikunu soġġetti għal rieżamijiet immirati konkorrenti fl-istess ħin.

Or. en

Emenda 647
Michele Picaro, Carlo Fidanza, Antonella Sberna, Nicola Procaccini, Pietro Fiocchi, Sergio Berlato, Paolo Inselvini, Stefano Cavedagna

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18a – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Is-sustanzi attivi, l-aġenti protettivi u s-sinerġisti ma jistgħux ikunu soġġetti għal rieżamijiet immirati konkorrenti fl-istess ħin.

Or. en

Emenda 648
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18a – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2(d) ma tkunx ġiet ipprovduta fil-perjodu ta' żmien stabbilit, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jirtira l-approvazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3).	Meta l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2(d) ma tkunx ġiet ipprovduta fil-perjodu ta' żmien stabbilit, il-Kummissjoni għandha ***fi żmien 6 xhur*** tadotta att ta' implimentazzjoni li jirtira l-approvazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3) ***fi żmien 6 xhur***.

Or. en

Emenda 649
Christophe Clergeau

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11

Regolament (KE) 1107/2009
Artikolu 18a – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2(d) ma tkunx ġiet ipprovduta fil-perjodu ta' żmien stabbilit, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jirtira l-approvazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3).	Meta l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2(d) ma tkunx ġiet ipprovduta fil-perjodu ta' żmien stabbilit, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni ***fi żmien 6 xhur*** li jirtira l-approvazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3).

Or. en

Emenda 650
Gerben-Jan Gerbrandy, Martin Hojsík, Pascal Canfin, Michal Wiezik, Yvan Verougstraete

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2(d) ma tkunx ġiet ipprovduta fil-perjodu ta' żmien stabbilit, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jirtira l-approvazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3).	Meta l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2(d) ma tkunx ġiet ipprovduta fil-perjodu ta' żmien stabbilit, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni ***fi żmien 6 xhur*** li jirtira l-approvazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3).

Or. en

Emenda 651
Anja Hazekamp, Per Clausen, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18a – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2(d) ma tkunx ġiet ipprovduta fil-perjodu ta' żmien stabbilit, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jirtira l-approvazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3).	Meta l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2(d) ma tkunx ġiet ipprovduta fil-perjodu ta' żmien stabbilit, il-Kummissjoni għandha ***mingħajr dewmien*** tadotta att ta' implimentazzjoni li jirtira l-approvazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3).

Or. en

Emenda 652
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18a – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-Kummissjoni tikkonkludi li l-kriterji għall-approvazzjoni koperti mir-rivalutazzjoni mmirata ma għadhomx issodisfati, hija għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jirtira l-approvazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3)***. *F'każ li tapplika d-deroga stabbilita fl-Artikolu 4(7), dak l-att ta' implimentazzjoni jista' jemenda l-approvazzjoni***.	Meta l-Kummissjoni tikkonkludi li l-kriterji għall-approvazzjoni koperti mir-rivalutazzjoni mmirata ma għadhomx issodisfati, hija għandha tadotta ***fi żmien 6 xhur*** att ta' implimentazzjoni li jirtira l-approvazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3) ***fi żmien 6 xhur***.

Or. en

Emenda 653
Christophe Clergeau

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18a – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-Kummissjoni tikkonkludi li l-kriterji għall-approvazzjoni koperti mir-rivalutazzjoni mmirata ma għadhomx issodisfati, hija għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jirtira l-approvazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3). F'każ li tapplika d-deroga stabbilita fl-Artikolu 4(7), dak l-att ta' implimentazzjoni jista' jemenda l-approvazzjoni.	Meta l-Kummissjoni tikkonkludi li l-kriterji għall-approvazzjoni koperti mir-rivalutazzjoni mmirata ma għadhomx issodisfati, hija għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jirtira l-approvazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3) ***fi żmien 6 xhur***. F'każ li tapplika d-deroga stabbilita fl-Artikolu 4(7), dak l-att ta' implimentazzjoni jista' jemenda l-approvazzjoni.

Or. en

Emenda 654
Anja Hazekamp, Per Clausen, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18a – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-Kummissjoni tikkonkludi li l-kriterji għall-approvazzjoni koperti mir-rivalutazzjoni mmirata ma għadhomx issodisfati, hija għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jirtira l-approvazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3). F'każ li tapplika d-deroga stabbilita fl-Artikolu 4(7), dak l-att ta' implimentazzjoni jista' jemenda l-approvazzjoni.	Meta l-Kummissjoni tikkonkludi li l-kriterji għall-approvazzjoni koperti mir-rivalutazzjoni mmirata ma għadhomx issodisfati, hija għandha tadotta ***mingħajr dewmien*** att ta' implimentazzjoni li jirtira l-approvazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3). F'każ li tapplika d-deroga stabbilita fl-Artikolu 4(7), dak l-att ta' implimentazzjoni jista' jemenda l-approvazzjoni.

Or. en

Emenda 655
Laurence Trochu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18a – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Mhux aktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, imbagħad kull sena, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar jekk iż-żmien medju meħtieġ biex jitlestew il-proċeduri għall-approvazzjoni u għall-awtorizzazzjoni ta' sustanzi ta' kontroll bijoloġiku u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom tali sustanzi, li jkunu tlestew matul is-sena kalendarja preċedenti skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, huwiex ta' tliet snin jew inqas.* ***Jekk ir-rapport jikkonkludi li ż-żmien medju meħtieġ biex jitlestew dawk il-proċeduri għall-approvazzjoni u għall-awtorizzazzjoni huwa ta' aktar minn tliet snin, il-Kummissjoni għandha tidentifika l-ostakli ewlenin li jifdal u tindika, fil-programm ta' ħidma annwali tagħha li jmiss, il-miżuri li beħsiebha tieħu biex tnaqqas iż-żmien medju meħtieġ biex jitlestew dawk il-proċeduri għal tliet snin jew inqas.

Or. fr

Emenda 656
Christine Singer, Andreas Glück, Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-prijoritizzazzjoni tal-programmi ta' ħidma għandha tkun ibbażata fuq

kriterji trasparenti u xjentifikament sodi. Ma jridux jitwettqu evalwazzjonijiet mill-ġdid ta' sustanzi attivi individwali sakemm ma jkunux iġġustifikati minn evidenza xjentifika ġdida jew minn bidliet fil-kundizzjonijiet ta' esponiment. Il-prijoritizzazzjoni trid tiġi żvelata lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati. Is-sustanzi attivi sintetiċi u bijoloġiċi għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni ma tistabbilix rekwiżiti ċari għall-proċess ta' evalwazzjoni mill-ġdid. B'riżultat ta' dan, din tonqos milli tipprovdi ċertezza regolatorja u tista' twassal għal teħid ta' deċiżjonijiet b'mod inkonsistenti. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv u tiġi promossa l-armonizzazzjoni, huwa għalhekk essenzjali li jiġi stabbilit qafas ċar u trasparenti għall-evalwazzjoni mill-ġdid ta' sustanzi attivi individwali.

Emenda 657
Stefan Köhler, Norbert Lins, Andrea Wechsler, Lena Düpont

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) 1107/2009
Artikolu 18a – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Fl-Artikolu 18a, jiżdied il-paragrafu 5a li ġej:
	Il-prijoritizzazzjoni tal-programm ta' ħidma titwettaq skont kriterji trasparenti u xjentifikament komprensibbli. Ma jridux jitwettqu evalwazzjonijiet mill-ġdid ta' sustanzi attivi individwali sakemm ma jkunx hemm evidenza xjentifika ġdida jew kundizzjonijiet ta' esponiment li jinbidlu li jiġġustifikaw b'mod xieraq tali azzjonijiet. Il-prijoritizzazzjoni għandha tiġi żvelata lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati rilevanti. L-ingredjenti attivi kimikament sintetiċi u bijoloġiċi għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod.

Or. en

Emenda 658
Michele Picaro, Carlo Fidanza, Antonella Sberna, Nicola Procaccini, Pietro Fiocchi, Sergio Berlato, Paolo Inselvini, Stefano Cavedagna

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18a – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-Artikolu 43 għandu japplika mid-data tal-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni wara rivalutazzjoni mmirata għall-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li fih is-sustanza attiva, l-aġent protettiv jew is-sinerġist ikkonċernat.

Or. en

Emenda 659
Flavio Tosi, Massimiliano Salini, Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 18a – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-Artikolu 43 għandu japplika mid-data tal-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni wara rivalutazzjoni mmirata għall-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li fih is-sustanza attiva, l-aġent protettiv jew is-sinerġist ikkonċernat.

Or. en

Emenda 660
Gerben-Jan Gerbrandy, Martin Hojsík, Pascal Canfin, Stine Bosse, Michal Wiezik,

Yvan Verougstraete

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Att ta' implimentazzjoni***, adottat*** f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), ***għandu*** jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' tiġdid u tal-proċedura ta' rivalutazzjoni mmirata, kif previst f'din is-Subtaqsima 3.";	***Il-Kummissjoni għandha tadotta*** att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3), ***li*** jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' tiġdid u tal-proċedura ta' rivalutazzjoni mmirata, kif previst f'din is-Subtaqsima 3.";

Or. en

Emenda 661
Anja Hazekamp, Per Clausen, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) fl-Artikolu 20, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"2. Ir-Regolament imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jipprevedi perjodu massimu ta' konċessjoni li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu meta jirtiraw jew jemendaw l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti bħala riżultat ta' dak ir-Regolament. Dak il-perjodu massimu ta' konċessjoni normalment ma għandux jaqbeż is-6 xhur għall-bejgħ u d-distribuzzjoni, u barra minn hekk massimu ta' sena għar-rimi, il-ħżin, u l-użu ta' ħażniet eżistenti tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti	

kkonċernati.

F'każ li ma jkun hemm l-ebda mezz raġonevoli disponibbli ieħor għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom is-sustanza attiva kkonċernata, il-perjodu massimu ta' konċessjoni ma għandux jaqbeż sena għall-bejgħ u d-distribuzzjoni, u barra minn hekk massimu ta' sentejn għar-rimi, il-ħżin u l-użu ta' ħażniet eżistenti tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernati. F'każ ta' thassib immedjat u serju għas-saħħa tal-bniedem jew għas-saħħa tal-annimali jew għall-ambjent li jkun wassal għall-irtirar jew għan-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni, ir-Regolament imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jipprevedi li l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jistabbilixxu perjodu ta' konċessjoni.";

Or. en

Emenda 662
Gerben-Jan Gerbrandy, Martin Hojsík, Sigrid Friis, Karin Karlsbro, Michal Wiezik, Yvan Verougstraete

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 20 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-Regolament imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jipprevedi perjodu massimu ta' konċessjoni li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu meta jirtiraw jew jemendaw l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti bħala riżultat ta' dak ir-Regolament. Dak il-perjodu massimu ta' konċessjoni normalment ma għandux jaqbeż is-6 xhur għall-bejgħ u d-distribuzzjoni, u barra minn hekk massimu ta' sena għar-rimi, il-ħżin, u l-użu ta' ħażniet eżistenti tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernati.	***imħassar***

Or. en

Emenda 663
Stine Bosse, Sigrid Friis, Martin Hojsík, Karin Karlsbro, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 20 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-Regolament imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jipprevedi perjodu massimu ta' konċessjoni li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu meta jirtiraw jew jemendaw l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti bħala riżultat ta' dak ir-Regolament. Dak il-perjodu massimu ta' konċessjoni normalment ma għandux jaqbeż is-6 xhur għall-bejgħ u d-distribuzzjoni, u barra minn hekk massimu ta' sena għar-rimi, il-ħżin, u l-użu ta' ħażniet eżistenti tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernati.	***imħassar***

Or. en

Emenda 664
Asger Christensen, Christine Singer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 20 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-Regolament imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jipprevedi perjodu massimu ta' konċessjoni li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu meta jirtiraw jew jemendaw l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti bħala riżultat ta' dak ir-Regolament. Dak il-perjodu massimu ta'	Ir-Regolament imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jipprevedi perjodu massimu ta' konċessjoni li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu meta jirtiraw jew jemendaw l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti bħala riżultat ta' dak ir-Regolament. Dak il-perjodu massimu ta'

konċessjoni normalment ma għandux jaqbeż ***is-6 xhur*** għall-bejgħ u d-distribuzzjoni, u barra minn hekk massimu ta' ***sena*** għar-rimi, il-ħżin, u l-użu ta' ħażniet eżistenti tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernati.	konċessjoni normalment ma għandux jaqbeż ***is-sena*** għall-bejgħ u d-distribuzzjoni, u barra minn hekk massimu ta' ***sentejn*** għar-rimi, il-ħżin, u l-użu ta' ħażniet eżistenti tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernati. ***F'każ ta' thassib immedjat u serju għas-saħħa tal-bniedem jew għas-saħħa tal-annimali jew għall-ambjent li jkun wassal għall-irtirar jew għan-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni, ir-Regolament imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jipprevedi li l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jistabbilixxu perjodu ta' konċessjoni.***

Or. en

Emenda 665
Biljana Borzan, Christophe Clergeau, Gheorghe Cârciu, Annalisa Corrado, Romana Jerković, Maria Noichl, Tiemo Wölken, Delara Burkhardt, Kristian Vigenin, Sakis Arnaoutoglou, Thomas Bajada, Mohammed Chahim, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 20 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-Regolament imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jipprevedi perjodu massimu ta' konċessjoni li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu meta jirtiraw jew jemendaw l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti bħala riżultat ta' dak ir-Regolament. Dak il-perjodu massimu ta' konċessjoni normalment ma għandux jaqbeż is-6 xhur għall-bejgħ u d-distribuzzjoni, u barra minn hekk massimu ta' sena għar-rimi, il-ħżin, u l-użu ta' ħażniet eżistenti tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernati.	Ir-Regolament imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jipprevedi perjodu massimu ta' konċessjoni li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu meta jirtiraw jew jemendaw l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti bħala riżultat ta' dak ir-Regolament. Dak il-perjodu massimu ta' konċessjoni normalment ma għandux jaqbeż is-6 xhur għall-bejgħ u d-distribuzzjoni, u barra minn hekk massimu ta' sena għar-rimi, il-ħżin, u l-użu ta' ħażniet eżistenti tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernati. ***L-Istati Membri jistgħu jikkonsultaw lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għall-opinjoni tagħha dwar l-għoti ta' perjodu ta' konċessjoni bħala parti mill-proċess***

tal-valutazzjoni tar-riskju.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-deċiżjonijiet dwar l-għoti ta' perjodi ta' konċessjoni għandhom jiġu appoġġjati mill-aħjar evidenza xjentifika disponibbli. Il-fatt li l-Istati Membri jitħallew jikkonsultaw lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel meta jkun xieraq isaħħaħ il-bażi xjentifika tal-valutazzjonijiet tar-riskju filwaqt li jippreżerva l-flessibbiltà fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

Emenda 666
Mireia Borrás Pabón, Raffaele Stancanelli, Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 20 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-Regolament imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jipprevedi ***perjodu massimu*** ta' konċessjoni li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu meta jirtiraw jew jemendaw l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti bħala riżultat ta' dak ir-Regolament. Dak il-perjodu massimu ta' konċessjoni normalment ma għandux jaqbeż ***is-6 xhur*** għall-bejgħ u d-distribuzzjoni, u barra minn hekk massimu ta' sena għar-rimi, il-ħżin, u l-użu ta' ħażniet eżistenti tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernati.	Ir-Regolament imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jipprevedi ***perjodi minimi u massimi*** ta' konċessjoni li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu meta jirtiraw jew jemendaw l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti bħala riżultat ta' dak ir-Regolament. Dak ***il-perjodu ta' konċessjoni ma għandux ikun inqas minn 12-il xahar. Dak*** il-perjodu massimu ta' konċessjoni normalment ma għandux jaqbeż ***is-sentejn*** għall-bejgħ u d-distribuzzjoni, u barra minn hekk massimu ta' sena għar-rimi, il-ħżin, u l-użu ta' ħażniet eżistenti tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ġustifikazzjoni: Il-perjodu ta' konċessjoni għandu jiġi estiż għal 3 snin fil-każijiet kollha meta jiġu rtirati jew emendati l-awtorizzazzjonijiet għall-PPP bħala riżultat tar-Regolament, filwaqt li tiġi evitata definizzjoni vaga bħal "mezzi raġonevoli" u li tinstab soluzzjoni alternattiva effettiva adegwata u b'hekk jiġi pprevenut it-telf ta' dħul għall-bdiewa u tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel għall-konsumaturi. Biex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq tal-UE minħabba aċċess inugwali għall-PPP għall-bdiewa skont l-Istat Membru, l-Istati Membri

għandhom jistabbilixxu u japplikaw l-istess perjodu massimu ta' konċessjoni kif stabbiliti mir-Regolament adottat mill-Kummissjoni.

Emenda 667
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 20 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-Regolament imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jipprevedi perjodu massimu ta' konċessjoni li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu meta jirtiraw jew jemendaw l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti bħala riżultat ta' dak ir-Regolament. Dak il-perjodu massimu ta' konċessjoni normalment ma għandux jaqbeż ***is-6 xhur*** għall-bejgħ u d-distribuzzjoni, u barra minn hekk massimu ta' sena għar-rimi, il-ħżin, u l-użu ta' ħażniet eżistenti tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernati.	Ir-Regolament imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jipprevedi perjodu massimu ta' konċessjoni li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu meta jirtiraw jew jemendaw l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti bħala riżultat ta' dak ir-Regolament. Dak il-perjodu massimu ta' konċessjoni normalment ma għandux jaqbeż ***is-sentejn*** għall-bejgħ u d-distribuzzjoni, u barra minn hekk massimu ta' sena għar-rimi, il-ħżin, u l-użu ta' ħażniet eżistenti tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernati.

Or. en

Emenda 668
Benoit Cassart, Christine Singer, Olivier Chastel, Asger Christensen, Ciaran Mullooly

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 20 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-Regolament imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jipprevedi perjodu massimu ta' konċessjoni li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu meta jirtiraw jew jemendaw l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti bħala riżultat ta' dak	Ir-Regolament imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jipprevedi perjodu massimu ta' konċessjoni li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu meta jirtiraw jew jemendaw l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti bħala riżultat ta' dak

ir-Regolament. Dak il-perjodu massimu ta' konċessjoni normalment ma għandux jaqbeż is-6 xhur għall-bejgħ u d-distribuzzjoni, u barra minn hekk massimu ta' ***sena*** għar-rimi, il-ħżin, u l-użu ta' ħażniet eżistenti tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernati.	ir-Regolament. Dak il-perjodu massimu ta' konċessjoni normalment ma għandux jaqbeż is-6 xhur għall-bejgħ u d-distribuzzjoni, u barra minn hekk massimu ta' ***18-il xahar*** għar-rimi, il-ħżin, u l-użu ta' ħażniet eżistenti tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernati.

Or. en

Emenda 669
Esther Herranz García, Gabriel Mato, Raúl de la Hoz Quintano, Carmen Crespo Díaz, Dolors Montserrat, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 20 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-Regolament imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jipprevedi perjodu massimu ta' konċessjoni li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu meta jirtiraw jew jemendaw l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti bħala riżultat ta' dak ir-Regolament. Dak il-perjodu massimu ta' konċessjoni normalment ma għandux jaqbeż ***is-6 xhur*** għall-bejgħ u d-distribuzzjoni, u barra minn hekk massimu ta' sena għar-rimi, il-ħżin, u l-użu ta' ħażniet eżistenti tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernati.	Ir-Regolament imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jipprevedi perjodu massimu ta' konċessjoni li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu meta jirtiraw jew jemendaw l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti bħala riżultat ta' dak ir-Regolament. Dak il-perjodu massimu ta' konċessjoni normalment ma għandux jaqbeż ***is-sentejn*** għall-bejgħ u d-distribuzzjoni, u barra minn hekk massimu ta' sena għar-rimi, il-ħżin, u l-użu ta' ħażniet eżistenti tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernati.

Or. en

Emenda 670
Gheorghe Cârciu, Dan Nica, Ştefan Muşoiu, Vasile Dîncu, Andi Cristea, Dragoş Benea, Gabriela Firea

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 20 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-Regolament imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jipprevedi perjodu massimu ta' konċessjoni li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu meta jirtiraw jew jemendaw l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti bħala riżultat ta' dak ir-Regolament. Dak il-perjodu massimu ta' konċessjoni normalment ma għandux jaqbeż ***is-6 xhur*** għall-bejgħ u d-distribuzzjoni, u barra minn hekk massimu ta' sena għar-rimi, il-ħżin, u l-użu ta' ħażniet eżistenti tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernati.	Ir-Regolament imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jipprevedi perjodu massimu ta' konċessjoni li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu meta jirtiraw jew jemendaw l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti bħala riżultat ta' dak ir-Regolament. Dak il-perjodu massimu ta' konċessjoni normalment ma għandux jaqbeż ***is-sentejn*** għall-bejgħ u d-distribuzzjoni, u barra minn hekk massimu ta' sena għar-rimi, il-ħżin, u l-użu ta' ħażniet eżistenti tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernati.

Or. en

Emenda 671
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 20 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-Regolament imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jipprevedi perjodu massimu ta' konċessjoni li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu meta jirtiraw jew jemendaw l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti bħala riżultat ta' dak ir-Regolament. Dak il-perjodu massimu ta' konċessjoni normalment ma għandux jaqbeż ***is-6 xhur*** għall-bejgħ u d-distribuzzjoni, u barra minn hekk massimu ta' ***sena*** għar-rimi, il-ħżin, u l-użu ta' ħażniet eżistenti tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernati.	Ir-Regolament imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jipprevedi perjodu massimu ta' konċessjoni li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu meta jirtiraw jew jemendaw l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti bħala riżultat ta' dak ir-Regolament. Dak il-perjodu massimu ta' konċessjoni normalment ma għandux jaqbeż ***is-sena*** għall-bejgħ u d-distribuzzjoni, u barra minn hekk massimu ta' ***18-il xahar*** għar-rimi, il-ħżin, u l-użu ta' ħażniet eżistenti tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernati.

Or. en

Emenda 672
Paulo do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 20 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-Regolament imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jipprevedi perjodu massimu ta' konċessjoni li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu meta jirtiraw jew jemendaw l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti bħala riżultat ta' dak ir-Regolament. Dak il-perjodu massimu ta' konċessjoni normalment ma għandux jaqbeż ***is-6 xhur*** għall-bejgħ u d-distribuzzjoni, u barra minn hekk massimu ta' sena għar-rimi, il-ħżin, u l-użu ta' ħażniet eżistenti tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernati.	Ir-Regolament imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jipprevedi perjodu massimu ta' konċessjoni li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu meta jirtiraw jew jemendaw l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti bħala riżultat ta' dak ir-Regolament. Dak il-perjodu massimu ta' konċessjoni normalment ma għandux jaqbeż ***is-sentejn*** għall-bejgħ u d-distribuzzjoni, u barra minn hekk massimu ta' sena għar-rimi, il-ħżin, u l-użu ta' ħażniet eżistenti tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernati.

Or. en

Emenda 673
Asger Christensen, Christine Singer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 20 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-Regolament imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jipprevedi perjodu massimu ta' konċessjoni li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu meta jirtiraw jew jemendaw l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti bħala riżultat ta' dak ir-Regolament. Dak il-perjodu massimu ta' konċessjoni normalment ma għandux jaqbeż ***is-6 xhur*** għall-bejgħ u d-distribuzzjoni, u barra minn hekk massimu ta' sena għar-rimi, il-ħżin, u l-użu ta'	Ir-Regolament imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jipprevedi perjodu massimu ta' konċessjoni li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu meta jirtiraw jew jemendaw l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti bħala riżultat ta' dak ir-Regolament. Dak il-perjodu massimu ta' konċessjoni normalment ma għandux jaqbeż is-sentejn għall-bejgħ u d-distribuzzjoni, u barra minn hekk massimu ta' sena għar-rimi, il-ħżin, u l-użu ta'

ħażniet eżistenti tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernati.	ħażniet eżistenti tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità mat-tħabbira fil-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel, iż-żieda tat-tul massimu ġenerali tal-perjodi ta' konċessjoni għal 3 snin tippermetti li jiġu awtorizzat prodott alternattiv għall-protezzjoni tal-pjanti, jekk ikun meħtieġ, u b'hekk jiġi pprevenut it-telf tad-dħul għall-bdiewa u tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel għall-konsumaturi. Għalhekk, dan il-perjodu ta' konċessjoni ma għandux jiġi estiż biss għal każijiet li fihom ma jkun hemm l-ebda raġuni raġonevoli oħra disponibbli, iżda fil-każijiet kollha b'mod ġenerali (meta jiġu rtirati jew emendati l-awtorizzazzjonijiet għall-PPP bħala riżultat tar-Regolament).

Emenda 674
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (KE) Nru 1107/2009
3. Fejn il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kriterji għall-approvazzjoni previsti fl-Artikolu 4 m'għadx għadhom jiġu sodisfatti, jew li ma ġietx provduta aktar informazzjoni meħtieġa skont il-punt (f) tal-Artikolu 6, għandu jiġi adottat Regolament għall-irtirar jew għall-emenda tal-approvazzjoni skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 79(3).	"3. Fejn il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kriterji għall-approvazzjoni previsti fl-Artikolu 4 m'għadx għadhom jiġu sodisfatti, jew li ma ġietx provduta aktar informazzjoni meħtieġa skont il-punt (f) tal-Artikolu 6, għandu jiġi adottat ***mingħajr dewmien*** Regolament għall-irtirar jew għall-emenda tal-approvazzjoni skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 79(3).***"***

Or. en

(32009R1107)

Emenda 703
Biljana Borzan, Christophe Clergeau, Annalisa Corrado, Romana Jerković, Maria Noichl, Tiemo Wölken, Delara Burkhardt, Kristian Vigenin, Sakis Arnaoutoglou, Thomas Bajada, Mohammed Chahim, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sustanza attiva li tikkonforma mal-kriterji previsti fl-Artikolu 4 u fil-punt 5 tal-Anness II għandha tiġi approvata ***bħala*** sustanza attiva b'riskju baxx.	1. Sustanza attiva li tikkonforma mal-kriterji previsti fl-Artikolu 4 u fil-punt 5 tal-Anness II għandha tiġi approvata ***għal perjodu li ma jaqbiżx l-20 sena b'deroga mill-Artikolu 5, meta tiġi kkunsidrata bħala*** sustanza attiva b'riskju baxx ***u fejn jista' jiġi mistenni li l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dik is-sustanza se joħolqu biss riskju baxx għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u għall-ambjent, kif previst fl-Artikolu 47(1)***.

Or. en

Emenda 704
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sustanza attiva li tikkonforma mal-kriterji previsti fl-Artikolu 4 ***u fil-punt 5 tal-Anness II*** għandha tiġi approvata ***bħala*** sustanza attiva b'riskju baxx.	1. Sustanza attiva li tikkonforma mal-kriterji previsti fl-Artikolu 4 għandha tiġi approvata ***għal perjodu li ma jaqbiżx il-15-il sena b'deroga mill-Artikolu 5, meta tiġi kkunsidrata bħala*** sustanza attiva b'riskju baxx ***meta jista' jiġi mistenni li l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dik is-sustanza se joħolqu biss riskju baxx għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u għall-ambjent, kif previst fl-Artikolu 47(1)***.

Or. en

Emenda 705
Anne-Sophie Frigout, Gilles Pennelle, Marie-Luce Brasier-Clain, Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 22 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għandhom japplikaw l-Artikoli 4 sa 21. Is-sustanzi attivi b'riskju baxx għandhom jiġu elenkati separatament fir-Regolament imsemmi fl-Artikolu 13(4).***;***	2. Għandhom japplikaw l-Artikoli 4 sa 21. Is-sustanzi attivi b'riskju baxx għandhom jiġu elenkati separatament fir-Regolament imsemmi fl-Artikolu 13(4) ***u, fejn xieraq, għandu jiġi indikat jekk humiex ukoll sustanzi attivi ta' kontroll bijoloġiku minbarra li huma sustanzi b'riskju baxx. Barra minn hekk, il-lista tkompli billi tidentifika wkoll b'mod speċifiku s-sustanzi attivi b'riskju baxx, is-sustanzi bażiċi kif ukoll il-kandidati għas-sostituzzjoni, f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 u l-format użat bħalissa fil-bażi tad-data "EU Pesticides Database".***

Or. fr

Emenda 706
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 22 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għandhom japplikaw l-Artikoli 4 sa 21. Is-sustanzi attivi b'riskju baxx għandhom jiġu elenkati separatament fir-Regolament imsemmi fl-Artikolu 13(4).;	2. Għandhom japplikaw l-Artikoli 4 ***u 6*** sa 21 ***u l-punt 5 tal-Anness II***. Is-sustanzi attivi b'riskju baxx għandhom jiġu elenkati separatament fir-Regolament imsemmi fl-Artikolu 13(4).;

Or. en

Emenda 707
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 22 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Sustanza attiva li tikkonforma mal-kriterji previsti fl-Artikolu 4 għandha tiġi approvata għal perjodu illimitat b'deroga mill-Artikolu 5 meta titqies bħala sustanza attiva b'riskju baxx.

Or. en

Emenda 708
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 22a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Jiżdied l-Artikolu 22a l-ġdid:
	Artikolu 22a (ġdid)
	Kontroll bijoloġiku ta' riskju baxx
	1. Is-sustanzi attivi ta' kontroll bijoloġiku għandhom jiġu vvalutati bl-użu ta' rekwiżiti tad-data, metodoloġiji ta' valutazzjoni u prinċipji ta' valutazzjoni tar-riskju li huma proporzjonati u adattati xjentifikament għall-oriġini bijoloġika, il-mod ta' azzjoni u l-esponiment mistenni tagħhom.
	2. Il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent, filwaqt li tqis il-karatteristiċi speċifiċi tas-sustanzi attivi

ta' kontroll bijoloġiku u tevita rekwiżiti tal-ittestjar mhux meħtieġa li mhumiex ġustifikati xjentifikament.

3. Sustanza attiva ta' kontroll bijoloġiku li, wara l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 22 tista' tiġi kklassifikata bħala sustanza attiva b'riskju baxx u għandha tibbenefika mir-reġim ta' approvazzjoni previst fl-Artikolu 5(a).

4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 79(3), f'konsultazzjoni mal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, tistabbilixxi u taġġorna perjodikament linji gwida tekniċi dettaljati, rekwiżiti ta' data u metodoloġiji ta' valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. L-ewwel sett ta' atti ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat fi żmien 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

5. Il-Kummissjoni għandha, fi żmien 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 79(3), f'konsultazzjoni mal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel tiddefinixxi s-subkategorija ta' sustanzi ta' kontroll bijoloġiku b'riskju baxx. Sustanza ta' kontroll bijoloġiku b'riskju baxx għandha tkun sostnuta minn evidenza xjentifika li turi li, fil-kundizzjonijiet tal-użu maħsuba tagħha, tippreżenta riskju negliġibbli għas-saħħa tal-bniedem, għall-organiżmi mhux fil-mira, u għall-ambjent, filwaqt li tipprovdi kontroll effettiv tal-pesti jew tal-mard. Is-sustanza għandha turi wkoll karatteristiċi konsistenti ma' profil ta' riskju baxx, bħal persistenza limitata, speċifiċità għolja fil-mira meta jkun rilevanti, u l-ebda effett ekoloġiku avvers inaċċettabbli.

6. Sustanza attiva li tikkonforma mal-kriterji previsti fl-Artikolu 4 għandha tiġi

approvata għal perjodu illimitat b'deroga mill-Artikolu 5 meta titqies bħala sustanza attiva ta' kontroll bijoloġiku b'riskju baxx.

Or. en

Emenda 709
Gerben-Jan Gerbrandy, Martin Hojsík, Stine Bosse, Michal Wiezik, Yvan Verougstraete

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-użu tas-sustanza bażika fi prodott li jikkonsisti mis-sustanza bażika u, kif applikabbli, minn dilwent sempliċi, sustanzi bażiċi oħra jew sustanzi meħtieġa biex jiġi stabbilizzat il-prodott.	(b) l-użu tas-sustanza bażika fi prodott li jikkonsisti mis-sustanza bażika u, kif applikabbli, minn dilwent sempliċi, sustanzi bażiċi oħra jew sustanzi meħtieġa biex jiġi stabbilizzat il-prodott. ***Tali prodotti ma għandu jkun fihom l-ebda koformulant elenkat fl-Anness III;***

Or. en

Emenda 710
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-użu tas-sustanza bażika fi prodott li jikkonsisti mis-sustanza bażika u, kif applikabbli, minn dilwent sempliċi, ***sustanzi bażiċi oħra*** jew sustanzi meħtieġa ***biex jiġi stabbilizzat il-prodott***.	(b) l-użu tas-sustanza bażika fi prodott li jikkonsisti mis-sustanza bażika u, kif applikabbli, minn dilwent sempliċi, jew sustanzi meħtieġa ***biss għall-preżervazzjoni tal-istabbiltà fiżika tal-prodott u li ma jibdlux il-profil tal-periklu***

jew l-effikaċja tiegħu.

Or. en

Emenda 711
Paulo do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***Kwalunkwe prodott li jkun fih*** sustanza bażika ***b'kompożizzjoni li ma tikkonformax mal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu għandu jitqies bħala prodott għall-protezzjoni tal-pjanti u għandu jirrikjedi awtorizzazzjoni f'konformità mal-Kapitolu III***.	(c) ***Jekk sustanza attiva rreġistrata tikkwalifika skont id-definizzjoni bħala*** sustanza bażika***, din għandha tiġi inkluża fil-katalgu ta' sustanzi bażiċi u titneħħa simultanjament mil-lista ta' sustanzi attivi***.

Or. en

Emenda 712
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) is-sustanza bażika mhijiex sustanza ta' ħassib ***jew il-klassifikazzjoni tal-periklu tas-sustanza f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 ma tapplikax għall-prodott li fih tkun approvata għall-użu***;	(a) is-sustanza bażika mhijiex sustanza ta' ħassib;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tregġa' lura l-istandard attwali tal-Artikolu 23 jevita li jippermetti sustanzi perikolużi sempliċiment minħabba li l-formulazzjoni finali ma tkunx ikklassifikata.

Emenda 713
Paulo do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) is-sustanza bażika mhijiex sustanza ta' tħassib ***jew il-klassifikazzjoni tal-periklu tas-sustanza f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 ma tapplikax għall-prodott li fih tkun approvata għall-użu***;	(a) is-sustanza bażika mhijiex sustanza ta' tħassib;

Or. en

Emenda 714
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) is-sustanza bażika ***jew il-prodott li fih tintuża*** ma ***għandux*** kapaċità inerenti li ***jikkawża*** effetti ta' tfixkil tas-sistema endokrinali, newrotossiċi jew immunotossiċi;	(b) is-sustanza bażika ma ***għandhiex*** kapaċità inerenti li ***tikkawża*** effetti ta' tfixkil tas-sistema endokrinali, newrotossiċi jew immunotossiċi;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kunċett ta' "kapaċità inerenti" huwa relatat mal-proprjetajiet intrinsiċi tas-sustanza attiva. L-estensjoni tiegħu għall-prodott toħloq ambigwità legali u hija inkonsistenti mal-valutazzjoni tal-periklu bbażata fuq is-sustanza li tirfed ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

Emenda 715
Gheorghe Cârciu, Dan Nica, Ştefan Muşoiu, Vasile Dîncu, Andi Cristea, Dragoş Benea, Gabriela Firea

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ma tkunx sustanza attiva approvata għall-użu fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fiż-żmien tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-approvazzjoni bħala sustanza bażika u ma tkun qed tiġi vvalutata l-ebda applikazzjoni għal approvazzjoni bħala sustanza attiva f'dak il-mument;	***imħassar***

Or. en

Emenda 716
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ma tkunx ***sustanza attiva approvata għall-użu fi prodotti għall-protezzjoni*** tal-pjanti ***fiż-żmien tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-approvazzjoni bħala sustanza bażika u ma tkun qed tiġi vvalutata l-ebda applikazzjoni għal***	(c) ma tkunx ***użata b'mod predominanti għal skopijiet ta' protezzjoni tal-pjanti iżda madankollu hija utli għall-protezzjoni*** tal-pjanti ***jew direttament jew fi prodott li jikkonsisti mis-sustanza u minn dilwent sempliċi***; ***u***

approvazzjoni bħala sustanza attiva f'dak il-mument;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-bidla mill-Kummissjoni tħares biss lejn l-istatus regolatorju tas-sustanza, mhux għal xiex fil-fatt tintuża; dan ġie kkoreġut hawn

Emenda 717
Esther Herranz García, Gabriel Mato, Raúl de la Hoz Quintano, Carmen Crespo Díaz, Dolors Montserrat, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***ma tkunx*** sustanza attiva ***approvata għall-użu fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fiż-żmien tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-approvazzjoni*** bħala sustanza bażika ***u ma tkun qed tiġi vvalutata l-ebda applikazzjoni għal approvazzjoni bħala sustanza attiva f'dak il-mument***;	(c) ***jekk*** sustanza attiva ***rreġistrata tikkwalifika skont id-definizzjoni*** bħala sustanza bażika***, din għandha tiġi inkluża fil-katalgu ta' sustanzi bażiċi u titneħħa simultanjament mil-lista ta' sustanzi attivi***;

Or. en

Emenda 718
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***ma tkunx*** sustanza attiva ***approvata għall-użu fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fiż-żmien tas-sottomissjoni tal-***	(c) ***jekk*** sustanza attiva ***rreġistrata tikkwalifika skont id-definizzjoni*** bħala sustanza bażika***, din għandha tiġi inkluża***

applikazzjoni għall-approvazzjoni bħala sustanza bażika ***u ma tkun qed tiġi vvalutata l-ebda applikazzjoni għal approvazzjoni bħala sustanza attiva f'dak il-mument***;

fil-katalgu ta' sustanzi bażiċi u titneħħa simultanjament mil-lista ta' sustanzi attivi;

Or. en

Emenda 719
Gheorghe Cârciu, Dan Nica, Ştefan Muşoiu, Vasile Dîncu, Andi Cristea, Dragoş Benea, Gabriela Firea

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) Jekk sustanza attiva rreġistrata tikkwalifika skont id-definizzjoni bħala sustanza bażika, din għandha tiġi inkluża fil-katalgu ta' sustanzi bażiċi u titneħħa simultanjament mil-lista ta' sustanzi attivi

Or. en

Emenda 720
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) is-sustanza bażika jew il-prodott li fih tintuża la għandu effetti ta' ħsara immedjati u lanqas ittardjati fis-saħħa tal-bniedem, inkluż dawk ta' gruppi vulnerabbli, jew is-saħħa tal-annimali, u lanqas effetti inaċċettabbli fuq l-ambjent***, li jirriżultaw mill-użu/i tagħha għal finijiet***	(d) is-sustanza bażika jew il-prodott li fih tintuża la għandu effetti ta' ħsara immedjati u lanqas ittardjati fis-saħħa tal-bniedem, inkluż dawk ta' gruppi vulnerabbli, jew is-saħħa tal-annimali, u lanqas effetti inaċċettabbli fuq l-ambjent.;

ta' protezzjoni tal-pjanti.;

Or. en

Emenda 721
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) l-approvazzjoni tas-sustanza bażika ma għandhiex tevita r-rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni applikabbli għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti skont il-Kapitolu III.

Or. en

Emenda 722
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 23 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, sustanza attiva li tissodisfa l-kriterji ta' "prodott tal-ikel" kif definit fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 għandha titqies bħala sustanza bażika.

Or. en

Emenda 723
Asger Christensen, Christine Singer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 23a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha titlob lill-Awtorità għal opinjoni jew għal għajnuna xjentifika jew teknika. L-Awtorità għandha tagħti l-opinjoni tagħha jew ir-riżultati tal-ħidma tagħha lill-Kummissjoni fi żmien ***3 xhur*** mid-data tat-talba.	2. Il-Kummissjoni għandha titlob lill-Awtorità għal opinjoni jew għal għajnuna xjentifika jew teknika. L-Awtorità għandha tagħti l-opinjoni tagħha jew ir-riżultati tal-ħidma tagħha lill-Kummissjoni fi żmien ***massimu ta' 60 jum*** mid-data tat-talba.

Or. en

(32009R1107)

Ġustifikazzjoni

L-aċċess f'waqtu għal kontrolli bijoloġiku sikuri u effettivi huwa kritiku għall-bdiewa u għall-mitigazzjoni tar-riskji ta' pesti. It-tnaqqis tal-perjodu ta' opinjoni minn tliet xhur għal 60 jum jiżgura pproċessar regolatorju rapidu mingħajr ma tiġi kompromessa r-rigorożità xjentifika, dment li jiġu allokati riżorsi adegwati. Dan jiffaċilita l-aċċess aktar rapidu għas-suq u jallinja mas-sejħiet tal-partijiet ikkonċernati għal proċeduri aċċellerati.

Emenda 724
Gheorghe Cârciu, Biljana Borzan, Dan Nica, Ştefan Muşoiu, Vasile Dîncu, Andi Cristea, Dragoş Benea, Gabriela Firea

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 23a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-approvazzjoni għandha tkopri l-użi approvati kollha tas-sustanzi bażiċi u kwalunkwe prodott li jkun fih dawn is-sustanzi bażiċi kif speċifikat skont l-Artikolu 23a mingħajr ma tkun limitata mill-użi li għalihom tkun saret l-applikazzjoni. L-approvazzjoni għandha	4. L-approvazzjoni għandha tkopri l-użi approvati kollha tas-sustanzi bażiċi u kwalunkwe prodott li jkun fih dawn is-sustanzi bażiċi kif speċifikat skont l-Artikolu 23a mingħajr ma tkun limitata mill-użi li għalihom tkun saret l-applikazzjoni. L-approvazzjoni għandha

tkun għal perjodu illimitat u l-Artikoli 59 sa 62 ma għandhomx japplikaw.	tkun għal perjodu illimitat u l-Artikoli 59 sa 62 ma għandhomx japplikaw. ***Il-Kummissjoni għandha tippubblika u taġġorna reġistru aċċessibbli għall-pubbliku tal-użi approvati kollha koperti minn kull approvazzjoni tas-sustanza bażika.***

Or. en

Emenda 725
Anne-Sophie Frigout, Gilles Pennelle, Marie-Luce Brasier-Clain, Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 23a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-approvazzjoni għandha tkopri l-użi approvati kollha tas-sustanzi bażiċi u kwalunkwe prodott li jkun fih dawn is-sustanzi bażiċi kif speċifikat skont l-Artikolu 23a mingħajr ma tkun limitata mill-użi li għalihom tkun saret l-applikazzjoni. L-approvazzjoni għandha tkun għal perjodu ***illimitat*** u l-Artikoli 59 sa 62 ma għandhomx japplikaw.	4. L-approvazzjoni għandha tkopri l-użi approvati kollha tas-sustanzi bażiċi u kwalunkwe prodott li jkun fih dawn is-sustanzi bażiċi kif speċifikat skont l-Artikolu 23a mingħajr ma tkun limitata mill-użi li għalihom tkun saret l-applikazzjoni. L-approvazzjoni għandha tkun għal perjodu ***mingħajr data ta' skadenza definita*** u l-Artikoli 59 sa 62 ma għandhomx japplikaw.

Or. fr

Emenda 726
Christophe Clergeau

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 23a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-approvazzjoni għandha tkopri l-użi approvati kollha tas-sustanzi bażiċi u	4. L-approvazzjoni għandha tkopri l-użi approvati kollha tas-sustanzi bażiċi u

kwalunkwe prodott li jkun fih dawn is-sustanzi bażiċi kif speċifikat skont l-Artikolu 23a ***mingħajr ma tkun limitata mill-użi li għalihom tkun saret l-applikazzjoni***. L-approvazzjoni għandha tkun għal perjodu illimitat u l-Artikoli 59 sa 62 ma għandhomx japplikaw.	kwalunkwe prodott li jkun fih dawn is-sustanzi bażiċi kif speċifikat skont l-Artikolu 23a. L-approvazzjoni għandha tkun għal perjodu illimitat u l-Artikoli 59 sa 62 ma għandhomx japplikaw.

Or. en

Emenda 727
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 23a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-approvazzjoni għandha tkopri l-użi ***approvati kollha*** tas-sustanzi bażiċi ***u kwalunkwe prodott li jkun fih dawn is-sustanzi bażiċi*** kif speċifikat skont l-Artikolu ***23a mingħajr ma tkun limitata mill-użi li għalihom tkun saret l-applikazzjoni***. L-approvazzjoni għandha tkun għal perjodu illimitat u l-Artikoli 59 sa 62 ma għandhomx japplikaw.	4. L-approvazzjoni għandha tkopri ***biss*** l-użi tas-sustanzi bażiċi ***evalwati u approvati skont il-paragrafi 1 sa 3,*** kif speċifikat skont l-Artikolu ***23(1)***. L-approvazzjoni għandha tkun għal perjodu illimitat u l-Artikoli 59 sa 62 ma għandhomx japplikaw.

Or. en

Emenda 728
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 23a – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Meta sustanza approvata bħala sustanza bażika tiġi sussegwentement approvata wkoll bħala sustanza attiva li mhijiex sustanza bażika, dik l-approvazzjoni ma għandhiex taffettwa l-approvazzjoni eżistenti bħala sustanza bażika, kif ukoll l-introduzzjoni fis-suq u l-użu bħala sustanza jew prodott bażiku kif imsemmi fl-Artikolu 23(1).	***imħassar***

Or. en

Emenda 729
Christophe Clergeau

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 23a – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Meta sustanza approvata bħala sustanza bażika tiġi sussegwentement approvata wkoll bħala sustanza attiva li mhijiex sustanza bażika, dik l-approvazzjoni ma għandhiex taffettwa l-approvazzjoni eżistenti bħala sustanza bażika, kif ukoll l-introduzzjoni fis-suq u l-użu bħala sustanza jew prodott bażiku kif imsemmi fl-Artikolu 23(1).	***imħassar***

Or. en

Emenda 730
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 23a – paragrafu 7 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tista' tirrieżamina l-approvazzjoni ta' sustanza bażika fi kwalunkwe ħin. Hija ***tista'*** tqis it-talba ta' Stat Membru biex tiġi rieżaminata l-approvazzjoni.	Il-Kummissjoni tista' tirrieżamina l-approvazzjoni ta' sustanza bażika fi kwalunkwe ħin. Hija ***għandha*** tqis it-talba ta' Stat Membru biex tiġi rieżaminata l-approvazzjoni.

Or. en

Emenda 731
Christophe Clergeau

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 23a – paragrafu 7 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tista' tirrieżamina l-approvazzjoni ta' sustanza bażika fi kwalunkwe ħin. Hija ***tista'*** tqis it-talba ta' Stat Membru biex tiġi rieżaminata l-approvazzjoni.	Il-Kummissjoni tista' tirrieżamina l-approvazzjoni ta' sustanza bażika fi kwalunkwe ħin. Hija għandha tqis it-talba ta' Stat Membru biex tiġi rieżaminata l-approvazzjoni.

Or. en

Emenda 732
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 23a – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Is-sustanzi u l-prodotti bażiċi msemmija fl-Artikolu 23(1) jistgħu jiġu ttikkettati bħala "Prodotti li fihom sustanza/i bażika/baziċi għall-protezzjoni tal-pjanti". F'każ bħal dan, it-tikketta	8. Is-sustanzi u l-prodotti bażiċi msemmija fl-Artikolu 23(1) jistgħu jiġu ttikkettati bħala "Prodotti li fihom sustanza/i bażika/baziċi għall-protezzjoni tal-pjanti". F'każ bħal dan, it-tikketta

għandu jkun fiha indikazzjonijiet ċari dwar l-użu permess tagħhom għall-protezzjoni tal-pjanti.	għandu jkun fiha indikazzjonijiet ċari dwar l-użu permess tagħhom għall-protezzjoni tal-pjanti ***inklużi kwalunkwe restrizzjoni u kundizzjoni stabbiliti fl-approvazzjoni***.

Or. en

Emenda 733
Paulo do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 23a – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Is-sustanzi u l-prodotti bażiċi msemmija fl-Artikolu 23(1) ***jistgħu*** jiġu ttikkettati bħala "Prodotti li fihom sustanza/i bażika/baziċi għall-protezzjoni tal-pjanti". F'każ bħal dan, it-tikketta għandu jkun fiha indikazzjonijiet ċari dwar l-użu permess tagħhom għall-protezzjoni tal-pjanti.	8. Is-sustanzi u l-prodotti bażiċi msemmija fl-Artikolu 23(1) ***għandhom*** jiġu ttikkettati bħala "Prodotti li fihom sustanza/i bażika/baziċi għall-protezzjoni tal-pjanti". F'każ bħal dan, it-tikketta għandu jkun fiha indikazzjonijiet ċari dwar l-użu permess tagħhom għall-protezzjoni tal-pjanti.

Or. en

Emenda 734
Céline Imart, Emmanouil Kefalogiannis

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 23b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) jiddaħħal l-Artikolu 23b ġdid:
	Artikolu 23b
	Evalwazzjoni u rapportar
	Mhux aktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, imbagħad kull sena, il-Kummissjoni għandha

	tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar jekk iż-żmien medju meħtieġ biex jitlestew il-proċeduri għall-approvazzjoni u għall-awtorizzazzjoni ta' sustanzi ta' kontroll bijoloġiku u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom tali sustanzi, li jkunu tlestew matul is-sena kalendarja preċedenti skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, huwiex ta' tliet snin jew inqas. ***Jekk ir-rapport jikkonkludi li ż-żmien medju meħtieġ biex jitlestew dawk il-proċeduri għall-approvazzjoni u għall-awtorizzazzjoni huwa ta' aktar minn tliet snin, il-Kummissjoni għandha tidentifika l-ostakli ewlenin li jifdal u tindika, fil-programm ta' ħidma annwali tagħha li jmiss, il-miżuri li beħsiebha tieħu biex tnaqqas iż-żmien medju meħtieġ biex jitlestew dawk il-proċeduri għal tliet snin jew inqas.***
	Or. fr

Emenda 735
Paulo do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16a (ġdid)
Regolament Nru 1107/2009
Artikolu 24

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(16a) fl-Artikolu 24, it-titolu u l-ewwel paragrafu huma sostitwiti b'dan li ġej:
Artikolu 24	Artikolu 24
Kandidati għal sostituzzjoni	***Estensjoni tal-approvazzjoni ta'*** kandidati għal sostituzzjoni
1. Sustanza attiva li tikkonforma mal-kriterji previsti fl-Artikolu 4 għandha tiġi approvata, għal ***perijodu*** ta' mhux aktar minn ***seba' snin***, bħala kandidata għal sostituzzjoni jekk hija tissodisfa wieħed	1. Sustanza attiva li tikkonforma mal-kriterji previsti fl-Artikolu 4 għandha tiġi approvata, għal ***perjodu*** ta' mhux aktar minn ***15-il sena***, bħala kandidata għal sostituzzjoni jekk hija tissodisfa wieħed

jew aktar mill-kriterji addizzjonali stabbiliti fil-punt 4 tal-Anness II. B'deroga mill-Artikolu 14(2), l-approvazzjoni tista' tiġġedded darba jew iżjed għal ***perijodi*** li ma jisbqux ***is-seba' snin***.	jew aktar mill-kriterji addizzjonali stabbiliti fil-punt 4 tal-Anness II. B'deroga mill-Artikolu 14(2), l-approvazzjoni tista' tiġġedded darba jew iżjed għal ***perjodi*** li ma jisbqux ***il-15-il sena***.

Or. en*(32009R1107)*

Emenda 736
Anne-Sophie Frigout, Gilles Pennelle, Marie-Luce Brasier-Clain, Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 24 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(16a) Fl-Artikolu 24, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:
1. Sustanza attiva li tikkonforma mal-kriterji previsti fl-Artikolu 4 għandha tiġi approvata, għal ***perijodu*** ta' mhux aktar minn seba' snin, bħala kandidata għal sostituzzjoni jekk hija tissodisfa wieħed jew aktar mill-kriterji addizzjonali stabbiliti fil-punt 4 tal-Anness II. B'deroga mill-Artikolu 14(2), l-approvazzjoni tista' tiġġedded darba jew iżjed għal ***perijodi*** li ma jisbqux is-seba' snin.	***"***1. Sustanza attiva li tikkonforma mal-kriterji previsti fl-Artikolu 4 għandha tiġi approvata, għal ***perjodu*** ta' mhux aktar minn seba' snin, bħala kandidata għal sostituzzjoni jekk hija tissodisfa wieħed jew aktar mill-kriterji addizzjonali stabbiliti fil-punt 4 tal-Anness II. B'deroga mill-Artikolu 14(2), l-approvazzjoni tista' tiġġedded darba jew iżjed għal ***perjodi*** li ma jisbqux is-seba' snin. ***Kwalunkwe rtirar jew nuqqas ta' tiġdid tal-awtorizzazzjoni ta' sustanza skont din l-iskema ta' sostituzzjoni l-ewwel irid ikun ġie ġġustifikat bil-preżenza ta' alternattivi vijabbli u effettivi, filwaqt li jitqiesu l-effetti fuq il-produzzjoni agrikola."***

Or. fr

(https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2009/1107/oj)

Emenda 737
Esther Herranz García, Gabriel Mato, Raúl de la Hoz Quintano, Carmen Crespo Díaz, Dolors Montserrat, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 24 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(16a) Fl-Artikolu 24, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Sustanza attiva li tikkonforma mal-kriterji previsti fl-Artikolu 4 għandha tiġi approvata, għal ***perijodu*** ta' mhux aktar minn ***seba' snin***, bħala kandidata għal sostituzzjoni jekk hija tissodisfa wieħed jew aktar mill-kriterji addizzjonali stabbiliti fil-punt 4 tal-Anness II. B'deroga mill-Artikolu 14(2), l-approvazzjoni tista' tiġġedded darba jew iżjed għal ***perijodi*** li ma jisbqux ***is-seba' snin***.	Sustanza attiva li tikkonforma mal-kriterji previsti fl-Artikolu 4 għandha tiġi approvata, għal ***perjodu*** ta' mhux aktar minn ***15-il sena***, bħala kandidata għal sostituzzjoni jekk hija tissodisfa wieħed jew aktar mill-kriterji addizzjonali stabbiliti fil-punt 4 tal-Anness II. B'deroga mill-Artikolu 14(2), l-approvazzjoni tista' tiġġedded darba jew iżjed għal ***perjodi*** li ma jisbqux ***il-15-il sena abbażi ta' valutazzjoni soċjoekonomika u agroekonomika, inkluż pereżempju l-effikaċja, l-impatt tal-pesti fuq ir-rendiment tal-bdiewa, u r-riskji għar-reżistenza inkroċjata***.

Or. en

(32009R1107)

Emenda 738
Anja Hazekamp, Per Clausen, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 24 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(16a) Fl-Artikolu 24, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. Sustanza attiva li tikkonforma mal-kriterji previsti fl-Artikolu 4 għandha tiġi approvata, għal ***perijodu*** ta' mhux aktar minn ***seba'*** snin, bħala kandidata għal sostituzzjoni jekk hija tissodisfa wieħed	"1. Sustanza attiva li tikkonforma mal-kriterji previsti fl-Artikolu 4 għandha tiġi approvata, għal ***perjodu*** ta' mhux aktar minn ***3*** snin, bħala kandidata għal sostituzzjoni jekk hija tissodisfa wieħed

jew aktar mill-kriterji addizzjonali stabbiliti fil-punt 4 tal-Anness II. B'deroga mill-Artikolu 14(2), l-approvazzjoni tista' tiġġedded darba ***jew iżjed*** għal ***perijodi*** li ma ***jisbqux is-seba' snin***.	jew aktar mill-kriterji addizzjonali stabbiliti fil-punt 4 tal-Anness II. B'deroga mill-Artikolu 14(2), l-approvazzjoni tista' tiġġedded darba għal ***perjodu*** li ma ***jaqbiżx is-sentejn***.***"***

Or. en

(32009R1107)

Emenda 739
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 24 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) Fl-Artikolu 24, jiżdied il-paragrafu li ġej:
	"2a. Meta jiġu vvalutati l-alternattivi, għandha titqies b'mod partikolari l-ġestjoni integrata tal-pesti, il-metodi ta' kontroll bijoloġiku u l-alternattivi mhux kimiċi."

Or. en

Emenda 740
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 24 – paragrafu 2a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(16a) fl-Artikolu 24, għandu jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:
	"2a. Meta jiġu vvalutati l-alternattivi,

għandha titqies b'mod partikolari l-ġestjoni integrata tal-pesti, il-metodi ta' kontroll bijoloġiku u l-alternattivi mhux kimiċi."

Or. en

(32009R1107)

Emenda 741
Esther Herranz García, Gabriel Mato, Raúl de la Hoz Quintano, Carmen Crespo Díaz, Dolors Montserrat, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16b (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 24 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16b) Fl-Artikolu 24, jiżdied il-paragrafu 2a li ġej:
	"2a. Qabel ma tirtira jew ma ġġeddidx l-approvazzjoni ta' sustanza attiva approvata bħala kandidat għas-sostituzzjoni, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk humiex disponibbli sustanzi jew metodi alternattivi li jipprovdu livell ekwivalenti ta' effettività u li huma ekonomikament vijabbli għall-bdiewa. Tali valutazzjoni għandha tqis il-ħtiġijiet agronomiċi, id-disponibbiltà ta' alternattivi f'żoni klimatiċi differenti, u l-impatti potenzjali fuq il-produzzjoni agrikola."

Or. en

Emenda 742
Veronika Vrecionová

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 27 – paragrafu 4a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(16a) Fl-Artikolu 27, jiżdied il-paragrafu li ġej:
	"4a. Is-sustanzi ta' oriġini naturali li l-approvazzjoni tagħhom bħala sustanzi attivi ma ġietx imġedda għal raġunijiet għajr riskji inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent ma għandhomx jiġu prekluži milli jintużaw bħala koformulanti unikament abbażi ta' tali nuqqas ta' tiġdid, dment li: (a) mhumiex ikklassifikati bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008; (b) ma jissodisfawx il-kriterji biex ikunu persistenti, bijoakkumulattivi u tossiċi (PBT) jew ta' persistenza għolja u bijoakkumulazzjoni għolja (vPvB); u (c) mhumiex inklużi fil-lista ta' koformulanti inaċċettabbli msemmija fil-paragrafu 2."

Or. en

(32009R1107)

Ġustifikazzjoni

Mhux is-sustanzi attivi kollha li ma ġewx imġedda ġew irtirati minħabba tħassib dwar is-sikurezza. Xi sustanzi naturali tilfu l-approvazzjoni għal raġunijiet proċedurali, relatati mad-data jew raġunijiet oħra iżda llum huma ttrattati bl-istess mod bħas-sustanzi li nstabu li joħolqu riskji inaċċettabbli. Pereżempju, ir-repellenti naturali bbażati fuq iż-żejt tal-ħut jew ix-xaħam tan-nagħaġ għadhom disponibbli, filwaqt li ż-żejt tar-raża grezz u ż-żift taż-żejt tar-raża huma eskluži minkejja li ma nstabet l-ebda sejba finali ta' riskju inaċċettabbli. L-emenda tippermetti valutazzjoni każ b'każ filwaqt li jinżammu l-istandards tas-sikurezza eżistenti.

Emenda 743
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16b (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 27 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16b) Fl-Artikolu 27, jiżdied il-paragrafu 5a ġdid:
	Fi żmien sena mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha, f'konformità mal-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 79(3), tistabbilixxi r-rekwiżiti tad-data għall-koformulanti. Dawn ir-rekwiżiti tad-data għandhom ikunu ekwivalenti fl-ambitu u fir-rigorożità għal dawk applikabbli għas-sustanzi attivi, adattati kif xieraq għall-proprjetajiet u l-użi speċifiċi tal-koformulanti.

Or. en

Emenda 744
Manuela Ripa

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 27a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) jiddaħħal Artikolu 27a ġdid:	***imħassar***
"Artikolu 27a	
Perjodi ta' approvazzjoni ta' approvazzjonijiet diġà mogħtija	
1. Għas-sustanzi attivi kollha approvati mhux aktar tard minn (…) [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-approvazzjonijiet għandhom jitqiesu illimitati fiż-żmien, ħlief għal:	
(a) sustanzi attivi identifikati bħala kandidati għas-sostituzzjoni f'konformità mal-Artikolu 24;	
(b) sustanzi attivi approvati skont l-	

Artikolu 4(7);

(c) sustanzi attivi li għalihom kienet meħtieġa s-sottomissjoni ta' applikazzjoni għat-tiġdid skont l-Artikolu 15(1) qabel [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] iżda ma ġietx sottomessa qabel l-iskadenza msemmija fl-Artikolu 15(1);

(d) sustanzi attivi li għalihom għadha għaddejja proċedura għat-tiġdid tal-approvazzjoni fi [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

2. Il-Kummissjoni għandha temenda r-Regolament imsemmi fl-Artikolu 78(3) f'konformità mal-ewwel paragrafu.";

Or. en

Emenda 745
Niels Flemming Hansen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament Nru 1107/2009
Artikolu 27a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) jiddaħħal Artikolu 27a ġdid:	***imħassar***
"Artikolu 27a	
Perjodi ta' approvazzjoni ta' approvazzjonijiet diġà mogħtija	
1. Għas-sustanzi attivi kollha approvati mhux aktar tard minn (…) [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-approvazzjonijiet għandhom jitqiesu illimitati fiż-żmien, ħlief għal:	
(a) sustanzi attivi identifikati bħala kandidati għas-sostituzzjoni f'konformità	

mal-Artikolu 24;

(b) sustanzi attivi approvati skont l-Artikolu 4(7);

(c) sustanzi attivi li għalihom kienet meħtieġa s-sottomissjoni ta' applikazzjoni għat-tiġdid skont l-Artikolu 15(1) qabel [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] iżda ma ġietx sottomessa qabel l-iskadenza msemmija fl-Artikolu 15(1);

(d) sustanzi attivi li għalihom għadha għaddejja proċedura għat-tiġdid tal-approvazzjoni fi [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

2. Il-Kummissjoni għandha temenda r-Regolament imsemmi fl-Artikolu 78(3) f'konformità mal-ewwel paragrafu.";

Or. en

Emenda 746
Stine Bosse, Sigrid Friis, Martin Hojsík, Karin Karlsbro, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 27a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) jiddaħħal Artikolu 27a ġdid:	***imħassar***
"Artikolu 27a	
Perjodi ta' approvazzjoni ta' approvazzjonijiet diġà mogħtija	
1. Għas-sustanzi attivi kollha approvati mhux aktar tard minn (…) [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-approvazzjonijiet għandhom jitqiesu	

illimitati fiż-żmien, ħlief għal:

(a) sustanzi attivi identifikati bħala kandidati għas-sostituzzjoni f'konformità mal-Artikolu 24;

(b) sustanzi attivi approvati skont l-Artikolu 4(7);

(c) sustanzi attivi li għalihom kienet meħtieġa s-sottomissjoni ta' applikazzjoni għat-tiġdid skont l-Artikolu 15(1) qabel [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] iżda ma ġietx sottomessa qabel l-iskadenza msemmija fl-Artikolu 15(1);

(d) sustanzi attivi li għalihom għadha għaddejja proċedura għat-tiġdid tal-approvazzjoni fi [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

2. Il-Kummissjoni għandha temenda r-Regolament imsemmi fl-Artikolu 78(3) f'konformità mal-ewwel paragrafu.";

Or. en

Ġustifikazzjoni

Unlimited approvals of both active substances for pesticides and biocides will significantly reduce the current level of protection for human health and environment. In addition, risks to human health and the environment may be overlooked, as there will no longer be generated new studies for the renewal process by the industry. Independent science cannot be expected to finance such targeted studies. Unlimited approvals would also increase the long-term clean-up costs of contaminated water bodies, at a time when Europe is already facing widespread water pollution, ultimately affecting access to clean water and European competitiveness across sectors. Approvals should instead be restricted in time as they are today.

Emenda 747
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17

Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 27a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) jiddaħħal Artikolu 27a ġdid:	***imħassar***
“Artikolu 27a	
Perjodi ta’ approvazzjoni ta’ approvazzjonijiet diġà mogħtija	
1. Għas-sustanzi attivi kollha approvati mhux aktar tard minn (…) [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament], l-approvazzjonijiet għandhom jitqiesu illimitati fiż-żmien, ħlief għal:	
(a) sustanzi attivi identifikati bħala kandidati għas-sostituzzjoni f’konformità mal-Artikolu 24;	
(b) sustanzi attivi approvati skont l-Artikolu 4(7);	
(c) sustanzi attivi li għalihom kienet meħtieġa s-sottomissjoni ta’ applikazzjoni għat-tiġdid skont l-Artikolu 15(1) qabel [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament] iżda ma ġietx sottomessa qabel l-iskadenza msemmija fl-Artikolu 15(1);	
(d) sustanzi attivi li għalihom għadha għaddejja proċedura għat-tiġdid tal-approvazzjoni fi [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament].	
2. Il-Kummissjoni għandha temenda r-Regolament imsemmi fl-Artikolu 78(3) f’konformità mal-ewwel paragrafu.”;	

Or. en

Emenda 748
Anja Hazekamp, Per Clausen, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi,

Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 27a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) jiddaħħal Artikolu 27a ġdid:	***imħassar***
"Artikolu 27a	
Perjodi ta' approvazzjoni ta' approvazzjonijiet diġà mogħtija	
1. Għas-sustanzi attivi kollha approvati mhux aktar tard minn (…) [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-approvazzjonijiet għandhom jitqiesu illimitati fiż-żmien, ħlief għal:	
(a) sustanzi attivi identifikati bħala kandidati għas-sostituzzjoni f'konformità mal-Artikolu 24;	
(b) sustanzi attivi approvati skont l-Artikolu 4(7);	
(c) sustanzi attivi li għalihom kienet meħtieġa s-sottomissjoni ta' applikazzjoni għat-tiġdid skont l-Artikolu 15(1) qabel [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] iżda ma ġietx sottomessa qabel l-iskadenza msemmija fl-Artikolu 15(1);	
(d) sustanzi attivi li għalihom għadha għaddejja proċedura għat-tiġdid tal-approvazzjoni fi [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	
2. Il-Kummissjoni għandha temenda r-Regolament imsemmi fl-Artikolu 78(3) f'konformità mal-ewwel paragrafu.";	

Or. en

Emenda 749
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 27a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) jiddaħħal Artikolu 27a ġdid:	***imħassar***
"Artikolu 27a	
Perjodi ta' approvazzjoni ta' approvazzjonijiet diġà mogħtija	
1. Għas-sustanzi attivi kollha approvati mhux aktar tard minn (…) [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-approvazzjonijiet għandhom jitqiesu illimitati fiż-żmien, ħlief għal:	
(a) sustanzi attivi identifikati bħala kandidati għas-sostituzzjoni f'konformità mal-Artikolu 24;	
(b) sustanzi attivi approvati skont l-Artikolu 4(7);	
(c) sustanzi attivi li għalihom kienet meħtieġa s-sottomissjoni ta' applikazzjoni għat-tiġdid skont l-Artikolu 15(1) qabel [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] iżda ma ġietx sottomessa qabel l-iskadenza msemmija fl-Artikolu 15(1);	
(d) sustanzi attivi li għalihom għadha għaddejja proċedura għat-tiġdid tal-approvazzjoni fi [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	
2. Il-Kummissjoni għandha temenda r-Regolament imsemmi fl-Artikolu 78(3) f'konformità mal-ewwel paragrafu.";	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Automatically converting existing time-limited approvals into approvals of unlimited duration would exempt a large number of substances from systematic reassessment and create a two-tier system between substances already on the market and future applicants. Existing substances must continue to be assessed against evolving scientific standards, particularly where their original evaluation did not cover current criteria concerning endocrine disruption, cumulative exposure, effects on pollinators, biodiversity or water resources. Transitional provisions should ensure legal certainty for pending procedures, but should not result in the permanent extension of existing approvals.

Emenda 750
Biljana Borzan, Christophe Clergeau, Annalisa Corrado, Romana Jerković, Maria Noichl, Tiemo Wölken, Delara Burkhardt, Kristian Vigenin, Thomas Bajada, Mohammed Chahim, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 27a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għas-sustanzi attivi kollha approvati mhux aktar tard minn (…) [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-approvazzjonijiet għandhom jitqiesu illimitati fiż-żmien, ħlief għal:	***imħassar***
(a) sustanzi attivi identifikati bħala kandidati għas-sostituzzjoni f'konformità mal-Artikolu 24;	
(b) sustanzi attivi approvati skont l-Artikolu 4(7);	
(c) sustanzi attivi li għalihom kienet meħtieġa s-sottomissjoni ta' applikazzjoni għat-tiġdid skont l-Artikolu 15(1) qabel [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] iżda ma ġietx sottomessa qabel l-iskadenza msemmija fl-Artikolu 15(1);	

(d) sustanzi attivi li għalihom għadha għaddejja proċedura għat-tiġdid tal-approvazzjoni fi [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan l-approċċ jippreżerva ċ-ċertezza legali għall-approvazzjonijiet eżistenti filwaqt li jiżgura tranżizzjoni bla xkiel għas-sistema ta' approvazzjoni mġedda. Jevita l-konverżjoni awtomatika tal-approvazzjonijiet eżistenti f'approvazzjonijiet illimitati u jżomm rivalutazzjoni xjentifika perjodika f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni.

Emenda 751
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 27a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għas-sustanzi attivi ***kollha*** approvati mhux aktar tard minn (…) [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-approvazzjonijiet għandhom jitqiesu illimitati fiż-żmien**,** ***ħlief għal:***	1. Għas-sustanzi attivi ***b'riskju baxx u s-sustanzi attivi ta' kontroll bijoloġiku b'riskju baxx*** approvati mhux aktar tard minn (…) [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-approvazzjonijiet għandhom jitqiesu illimitati fiż-żmien**.**

Or. en

Emenda 752
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 27a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għas-sustanzi attivi kollha approvati mhux aktar tard minn (…) [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-approvazzjonijiet għandhom jitqiesu illimitati fiż-żmien***,*** ***ħlief għal:***	1. Għas-sustanzi ***bażiċi u s-sustanzi*** attivi ***ta' kontroll bijoloġiku*** kollha approvati mhux aktar tard minn (…) [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-approvazzjonijiet għandhom jitqiesu illimitati fiż-żmien***.***

Or. en

Emenda 753
Anne-Sophie Frigout, Gilles Pennelle, Marie-Luce Brasier-Clain, Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 27a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għas-sustanzi attivi kollha approvati mhux aktar tard minn (…) [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-approvazzjonijiet għandhom jitqiesu ***illimitati fiż-żmien***, ħlief għal:	1. Għas-sustanzi attivi kollha approvati mhux aktar tard minn (…) [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-approvazzjonijiet għandhom jitqiesu ***li għandhom data ta' skadenza mhux definita***, ħlief għal:

Or. fr

Emenda 754
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 27a – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) sustanzi attivi identifikati bħala kandidati għas-sostituzzjoni f'konformità	***imħassar***

mal-Artikolu 24;

Or. en

Emenda 755
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 27a – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) sustanzi attivi approvati skont l-Artikolu 4(7);	***imħassar***

Or. en

Emenda 756
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 27a – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) sustanzi attivi li għalihom kienet meħtieġa s-sottomissjoni ta' applikazzjoni għat-tiġdid skont l-Artikolu 15(1) qabel [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] iżda ma ġietx sottomessa qabel l-iskadenza msemmija fl-Artikolu 15(1);	***imħassar***

Or. en

Emenda 757
Esther Herranz García, Gabriel Mato, Raúl de la Hoz Quintano, Carmen Crespo Díaz, Dolors Montserrat, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 27a – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) sustanzi attivi li għalihom għadha għaddejja proċedura għat-tiġdid tal-approvazzjoni fi [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	***imħassar***

Or. en

Emenda 758
Andreas Glück, Jan-Christoph Oetjen, Christine Singer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 27a – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) sustanzi attivi li għalihom għadha għaddejja proċedura għat-tiġdid tal-approvazzjoni fi [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	(d) sustanzi attivi li għalihom għadha għaddejja proċedura għat-tiġdid tal-approvazzjoni fi [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] ***u l-abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni jew id-deċiżjoni ta' approvazzjoni preċedenti jissuġġerixxu nuqqas ta' konformità possibbli mal-Artikolu 14(2) (a-c) kif emendat minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal ir-referenza ta' dan ir-Regolament]***. ***Jekk dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux issodisfati, għandha tingħata approvazzjoni għal perjodu illimitat u s-sustanzi attivi għandhom jitqiesu bi prijorità għall-programmi ta' ħidma skont l-Artikoli 18 u 18a kif emendati sa***

[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal ir-referenza ta' dan ir-Regolament].

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ix-xogħol b'lura persistenti fil-proċeduri ta' tiġdid ikompli jimpedixxi l-aċċess tal-bdiewa għal innovazzjonijiet essenzjali u se jieħu s-snin biex jiġi solvut, minkejja l-bidla milqugħa lejn approvazzjonijiet illimitati. Din l-emenda tottimizza s-sorveljanza regolatorja billi tagħti prijorità lill-valutazzjonijiet iffinalizzati għas-sustanzi fejn jiġi identifikat tħassib, filwaqt li tiġġestixxi każijiet oħra permezz tal-programm ta' ħidma eżistenti. Dan l-approċċ jiżgura ħarsa ġenerali komprensiva lejn is-sikurezza filwaqt li jiffoka r-riżorsi limitati fuq riskji sostanzjati u bbażati fuq ix-xjenza.

Emenda 759
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 27a – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) sustanzi attivi li għalihom għadha għaddejja proċedura għat-tiġdid tal-approvazzjoni fi [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	(d) sustanzi attivi li għalihom għadha għaddejja proċedura għat-tiġdid tal-approvazzjoni fi [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Or. en

Emenda 760
Biljana Borzan, Christophe Clergeau, Annalisa Corrado, Romana Jerković, Maria Noichl, Tiemo Wölken, Delara Burkhardt, Kristian Vigenin, Thomas Bajada, Mohammed Chahim, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 27b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1. Is-sustanzi attivi approvati qabel [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għandhom jibqgħu validi sad-data ta' skadenza stabbilita fl-approvazzjoni attwali tagħhom.
	2. Mat-tiġdid, għandhom japplikaw il-perjodi ta' approvazzjoni msemmija fl-Artikoli 5 u 14.
	3. Sustanzi attivi li għalihom għadha għaddejja proċedura għat-tiġdid tal-approvazzjoni fi [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għandhom ikomplu jiġu vvalutati u mġedda f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli qabel dik id-data sakemm titlesta l-proċedura ta' tiġdid.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan l-approċċ jippreżerva ċ-ċertezza legali għall-approvazzjonijiet eżistenti filwaqt li jiżgura tranżizzjoni bla xkiel għas-sistema ta' approvazzjoni mġedda. Jevita l-konverżjoni awtomatika tal-approvazzjonijiet eżistenti f'approvazzjonijiet illimitati u jżomm rivalutazzjoni xjentifika perjodika f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni.

Emenda 761
Andrea Wechsler, Stefan Köhler, Alexander Bernhuber, Andreas Glück, Christine Singer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 28

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu 2a

	L-Artikolu 28 huwa sostitwit b'dan li ġej
Artikolu 28 Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u għall-użu (1) Prodott għall-protezzjoni tal-pjanti m'għandux jitqiegħed fis-suq jew jintuża ħlief jekk ikun ġie awtorizzat ***fl-Istat Membru kkonċernat*** skont dan ir-Regolament. (2) B'deroga mill-paragrafu 1, l-ebda awtorizzazzjoni m'għandha tkun meħtieġa fil-każijiet li ġejjin: ***a)*** l-użu ta' prodotti li fihom esklużivament sustanza bażika waħda jew iktar; ***b)*** it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għall-finijiet ta' riċerka jew ta' żvilupp skont l-Artikolu ***54c)*** il-produzzjoni, il-ħażna, jew il-moviment ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti maħsub biex jintuża ***fi Stat Membru ieħor***, ***bil-kondizzjoni*** li dak il-prodott ikun awtorizzat ***f'dak l-Istat Membru*** u li ***l-Istat Membru*** tal-produzzjoni, ħażna jew moviment ***ikun stabilixxa*** rekwiżiti ta' spezzjoni sabiex ikun żgurat li l-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti ma jintużax ***fit-territorju tiegħu***; ***d)*** il-produzzjoni, il-ħażna, jew il-moviment ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li huwa maħsub biex jintuża f'pajjiż terz ***bil-kondizzjoni*** li ***l-Istat Membru*** tal-produzzjoni, tal-ħażna jew tal-moviment ***stabbilixxa*** rekwiżiti ta' spezzjoni biex ikun żgurat li l-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jiġi esportat mit-territorju ***tiegħu***; ***e)*** it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li għalihom ingħata permess kummerċjali parallel skont l-Artikolu 52.	***"***Artikolu 28 Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u għall-użu (1) Prodott għall-protezzjoni tal-pjanti m'għandux jitqiegħed fis-suq jew jintuża ħlief jekk ikun ġie awtorizzat ***fiż-żona kkonċernata*** skont dan ir-Regolament. (2) B'deroga mill-paragrafu 1, l-ebda awtorizzazzjoni m'għandha tkun meħtieġa fil-każijiet li ġejjin: ***a)*** l-użu ta' prodotti li fihom esklużivament sustanza bażika waħda jew iktar; ***b)*** it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għall-finijiet ta' riċerka jew ta' żvilupp skont l-Artikolu ***54*** ***c***) il-produzzjoni, il-ħażna, jew il-moviment ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti maħsub biex jintuża ***f'żona oħra***, ***bil-kundizzjoni*** li dak il-prodott ikun awtorizzat ***f'żona oħra*** u li ***l-Istati Membri taż-żona rispettiva*** tal-produzzjoni, ħażna

jew moviment ***ikunu stabbilew*** rekwiżiti ta' spezzjoni sabiex ikun żgurat li l-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti ma jintużax ***fit-territorji rispettivi***;

d) il-produzzjoni, il-ħażna, jew il-moviment ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li huwa maħsub biex jintuża f'pajjiż terz ***bil-kundizzjoni*** li ***l-Istati Membri taż-żona rispettiva*** tal-produzzjoni, tal-ħażna jew tal-moviment ***ikunu stabbilew*** rekwiżiti ta' spezzjoni biex ikun żgurat li l-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jiġi esportat mit-territorju ***rispettiv***;

e) it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li għalihom ingħata permess kummerċjali parallel skont l-Artikolu 52.***"***

Or. de

(32009R1107)

Emenda 762
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt a
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 28 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***l-introduzzjoni fis-suq u*** l-użu ta' sustanzi ***jew prodotti*** bażiċi ***msemmija fl-Artikolu*** 23(1).;	(a) l-użu ta' ***prodotti li fihom esklużivament*** sustanzi bażiċi ***approvati f'konformità mal-Artikolu*** 23(1).;

Or. en

Emenda 763
Martin Hojsík, Sigrid Friis, Michal Wiezik, Yvan Verougstraete, Stine Bosse

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt aa (ġdid)

Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 28 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) il-punt (d) jitħassar.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-produtturi agrikoli tal-UE, huwa essenzjali li tiġi żgurata l-projbizzjoni fuq l-esportazzjoni ta' sustanzi pprojbiti, peress li l-esportazzjoni ta' sustanzi pprojbiti għandha effett detrimentali fuq il-kompetittività tas-settur tal-ikel tal-Unjoni. L-emenda tkompli ttejjeb il-protezzjoni tas-saħħa tan-nies, tal-annimali u tal-ambjent f'pajjiżi terzi u fl-Unjoni.

Emenda 764
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt b
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 28 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiżdied il-punt (f) li ġej:	***imħassar***
"(f) l-introduzzjoni fis-suq u l-użu ta' żrieragħ u materjal riproduttiv ieħor tal-pjanti ttrattati bi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti awtorizzati għal dak l-użu f'mill-inqas Stat Membru wieħed.";	

Or. en

Emenda 765
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt b
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 28 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiżdied il-punt (f) li ġej:	***imħassar***
“(f) l-introduzzjoni fis-suq u l-użu ta’ żrieragħ u materjal riproduttiv ieħor tal-pjanti ttrattati bi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti awtorizzati għal dak l-użu f’mill-inqas Stat Membru wieħed.”;	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kisi ta’ żrieragħ u materjal ieħor, u l-emissjoni sussegwenti tiegħu fl-ambjent jista’ jkollhom effett detrimentali fuq il-kwalità u s-saħħa tal-ħamrija, fuq l-organiżmi tal-ħamrija u d-dakkara li jbejtu fl-art. Dan jinfluwenza wkoll il-kwalità tal-ilma. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom iżommu d-diskrezzjoni tagħhom li jiddeċiedu dwar l-introduzzjoni fis-suq u l-użu ta’ żrieragħ u materjal ieħor ittrattat b’kisja, speċjalment meta jintużaw prodotti sintetiċi.

Emenda 766
Biljana Borzan, Christophe Clergeau, Annalisa Corrado, Romana Jerković, Maria Noichl, Tiemo Wölken, Delara Burkhardt, Kristian Vigenin, Thomas Bajada, Mohammed Chahim

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt b
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 28 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) l-introduzzjoni fis-suq u l-użu ta’ żrieragħ u materjal riproduttiv ieħor tal-pjanti ttrattati bi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti awtorizzati għal dak l-użu f’mill-inqas Stat Membru wieħed.;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-trattament taż-żrieragħ jista’ joħloq riskji għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent li jiddependu mill-kundizzjonijiet agronomiċi u ambjentali nazzjonali. L-eżenzjoni taż-żrieragħ ittrattati mir-rekwiżit ta’ awtorizzazzjoni meta l-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jkun ġie awtorizzat fi Stat Membru wieħed biss iddgħajjef il-ġestjoni tar-riskju nazzjonali u tista’ timmina l-livell għoli ta’ protezzjoni meħtieġ minn dan ir-Regolament.

Emenda 767
Esther Herranz García, Gabriel Mato, Raúl de la Hoz Quintano, Carmen Crespo Díaz, Dolors Montserrat, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt b
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 28 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) l-introduzzjoni fis-suq u l-użu ta' żrieragħ u materjal riproduttiv ieħor tal-pjanti ttrattati bi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti awtorizzati għal dak l-użu f'mill-inqas Stat Membru wieħed.;	(f) ***it-trattament taż-żrieragħ,*** l-introduzzjoni fis-suq u l-użu ta' żrieragħ ***ittrattati*** u materjal riproduttiv ieħor tal-pjanti ttrattati bi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti awtorizzati għal dak l-użu f'mill-inqas Stat Membru wieħed.;

Or. en

Emenda 768
Krzysztof Hetman, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt ba (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 28 – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jiżdied il-punt (fa) li ġej:
	"(fa) l-introduzzjoni u l-użu ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti għall-iskop tat-trattament taż-żrieragħ jew ta' materjal riproduttiv ieħor tal-pjanti fil-faċilitajiet tat-trattament professjonali ta' dak l-Istat Membru, dment li tali prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jkun awtorizzat għal tali użu f'mill-inqas Stat Membru wieħed u ma jiġix introdott fis-suq jew ma jintużax għal xi skop ieħor fl-Istat Membru tal-introduzzjoni."

Or. en

Emenda 769
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt ba (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 28 – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jiżdied il-punt (fa) li ġej:
	"(fa) l-introduzzjoni u l-użu ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti għall-iskop tat-trattament taż-żrieragħ jew ta' materjal riproduttiv ieħor tal-pjanti fil-faċilitajiet tat-trattament professjonali ta' dak l-Istat Membru, dment li tali prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jkun awtorizzat għal tali użu f'mill-inqas Stat Membru wieħed u ma jiġix introdott fis-suq jew ma jintużax għal xi skop ieħor fl-Istat Membru tal-introduzzjoni."

Or. en

Emenda 770
Waldemar Buda, Anna Zalewska

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt ba (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 28 – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) Jiżdied il-punt (fa) li ġej:
	"(fa) l-introduzzjoni u l-użu ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti għall-iskop tat-trattament taż-żrieragħ jew ta' materjal riproduttiv ieħor tal-pjanti fil-faċilitajiet tat-trattament professjonali ta' dak l-Istat Membru, dment li tali prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jkun awtorizzat għal tali użu f'mill-inqas Stat Membru wieħed

u ma jiġix introdott fis-suq jew ma jintużax għal xi skop ieħor fl-Istat Membru tal-introduzzjoni."

Or. en

Emenda 771
Paulo do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 29 – paragrafu 3 (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(18a) Fl-Artikolu 29, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
3. Il-konformità mar-rekwiżiti ***stabbiliti fil-punt*** (b) u ***fil-punti*** (e) sa (h) ***tal-paragrafu 1*** għandha tiġi stabbilita permezz ta' testijiet u analiżi uffiċjali jew rikonoxxuti uffiċjalment, imwettqa f'kondizzjonijiet agrikoli, tas-saħħa tal-pjanti u ambjentali rilevanti għall-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernat u li jirrappreżentaw il-kondizzjonijiet prevalenti fiż-żona fejn il-prodott ***mistenni*** jintuża.	***"***3. Il-konformità mar-rekwiżiti ***msemmija fil-paragrafu 1, il-punt*** (b) u ***l-punti*** (e) sa (h) għandha tiġi stabbilita permezz ta' testijiet u analiżi uffiċjali jew rikonoxxuti uffiċjalment, imwettqa f'kondizzjonijiet agrikoli, tas-saħħa tal-pjanti u ambjentali rilevanti għall-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernat u li jirrappreżentaw il-kondizzjonijiet prevalenti fiż-żona fejn il-prodott ***għandu*** jintuża***, inkluża valutazzjoni tar-riskju dwar id-disponibbiltà ta' miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju b'attenzjoni partikolari għat-tekniki ta' applikazzjoni***. ***L-Istati Membri għandhom iqisu l-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju kollha disponibbli meta jivvalutaw jekk ir-rekwiżiti humiex issodisfati. Meta ż-żona maħsuba għall-użu ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti tinkludi reġjuni bijoġeografiċi b'kundizzjonijiet pedoklimatiċi speċifiċi mhux irrappreżentati fit-testijiet imwettqa mill-Istat Membru relatur, id-data supplimentari dwar l-effikaċja u r-riskju miġbura skont il-kundizzjonijiet ta' dawk ir-reġjuni għandha tkun meħtieġa bħala parti mid-dossier tal-awtorizzazzjoni. Tali***

data supplimentari għandha titqies fid-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni u fi kwalunkwe proċedura ta' rikonoxximent reċiproku skont l-Artikolu 40.

Dan ir-rekwiżit japplika b'mod partikolari għar-reġjuni bijoġeografiċi preżenti fi Stat Membru wieħed biss tal-Unjoni, meta kundizzjonijiet speċifiċi ta' stress pedoklimatiku, inklużi temperaturi għoljin, perjodi ta' nixfa jew pressjoni endemika ta' pesti tal-ħamrija jistgħu jaffettwaw b'mod sinifikanti l-prestazzjoni u l-effikaċja tal-prodott meta mqabbla mal-kundizzjonijiet li fihom ikunu saru t-testijiet standard.

Or. en

(32009R1107)

Emenda 772
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 29 – paragrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(18a) fl-Artikolu 29, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
3. Il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (b) u fil-punti (e) sa (h) tal-paragrafu 1 għandha tiġi stabbilita permezz ta' testijiet u analiżi uffiċjali jew rikonoxxuti uffiċjalment, imwettqa f'kondizzjonijiet agrikoli, tas-saħħa tal-pjanti u ambjentali rilevanti għall-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernat u li jirrappreżentaw il-kondizzjonijiet prevalenti fiż-żona fejn il-prodott mistenni jintuża.	3. Il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (b) u fil-punti (e) sa (h) tal-paragrafu 1 għandha tiġi stabbilita permezz ta' testijiet u analiżi uffiċjali jew rikonoxxuti uffiċjalment, imwettqa f'kondizzjonijiet agrikoli, tas-saħħa tal-pjanti u ambjentali rilevanti għall-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernat u li jirrappreżentaw il-kondizzjonijiet prevalenti fiż-żona fejn il-prodott mistenni jintuża.
	Fejn iż-żona maħsuba għall-użu ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti tinkludi reġjuni bijoġeografiċi

b'kundizzjonijiet pedoklimatiċi speċifiċi mhux irrappreżentati fit-testijiet imwettqa mill-Istat Membru relatur, id-data supplimentari dwar l-effikaċja u r-riskju miġbura skont il-kundizzjonijiet ta' dawk ir-reġjuni għandha tkun meħtieġa bħala parti mid-dossier tal-awtorizzazzjoni.

Tali data supplimentari għandha titqies fid-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni u fi kwalunkwe proċedura ta' rikonoxximent reċiproku skont l-Artikolu 40. Dan ir-rekwiżit japplika b'mod partikolari għar-reġjuni bijoġeografiċi preżenti fi Stat Membru wieħed biss tal-Unjoni, fejn kundizzjonijiet speċifiċi ta' stress pedoklimatiku — inklużi temperaturi għoljin, perjodi ta' nixfa jew pressjoni minn pesti endemiċi tal-ħamrija — jistgħu jaffettwaw b'mod sinifikanti l-prestazzjoni u l-effikaċja tal-prodott meta mqabbla mal-kundizzjonijiet li fihom ikunu saru t-testijiet standard.

Or. ro*(32009R1107)*

Emenda 773
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 29 – paragrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(18a) Fl-Artikolu 29, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
3. Il-konformità mar-rekwiżiti ***stabbiliti fil-punt*** (b) u ***fil-punti*** (e) sa (h) ***tal-paragrafu 1*** għandha tiġi stabbilita permezz ta' testijiet u analiżi uffiċjali jew rikonoxxuti uffiċjalment, imwettqa f'kondizzjonijiet agrikoli, tas-saħħa tal-pjanti u ambjentali rilevanti għall-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernat u li jirrappreżentaw il-kondizzjonijiet prevalenti fiż-żona fejn il-prodott ***mistenni***	"3. Il-konformità mar-rekwiżiti ***msemmija fil-paragrafu 1, il-punt*** (b) u ***l-punti*** (e) sa (h) għandha tiġi stabbilita permezz ta' testijiet u analiżi uffiċjali jew rikonoxxuti uffiċjalment, imwettqa f'kondizzjonijiet agrikoli, tas-saħħa tal-pjanti u ambjentali rilevanti għall-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernat u li jirrappreżentaw il-kondizzjonijiet prevalenti fiż-żona fejn il-prodott għandu

jintuża.	jintuża***, inkluża valutazzjoni tar-riskju dwar id-disponibbiltà ta' miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju b'attenzjoni partikolari għat-tekniki ta' applikazzjoni***. ***L-Istati Membri għandhom iqisu l-miżuri kollha disponibbli ta' mitigazzjoni tar-riskju meta jivvalutaw jekk ir-rekwiżiti humiex issodisfati.*** ***Meta ż-żona maħsuba għall-użu ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti tinkludi reġjuni bijoġeografiċi b'kundizzjonijiet pedoklimatiċi speċifiċi mhux irrappreżentati fit-testijiet imwettqa mill-Istat Membru relatur, id-data supplimentari dwar l-effikaċja u r-riskju miġbura skont il-kundizzjonijiet ta' dawk ir-reġjuni għandha tkun meħtieġa bħala parti mid-dossier tal-awtorizzazzjoni. Tali data supplimentari għandha titqies fid-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni u fi kwalunkwe proċedura ta' rikonoxximent reċiproku skont l-Artikolu 40.*** ***Dan ir-rekwiżit japplika b'mod partikolari għar-reġjuni bijoġeografiċi preżenti fi Stat Membru wieħed biss tal-Unjoni, meta kundizzjonijiet speċifiċi ta' stress pedoklimatiku, inklużi temperaturi għoljin, perjodi ta' nixfa jew pressjoni endemika ta' pesti tal-ħamrija, jistgħu jaffettwaw b'mod sinifikanti l-prestazzjoni u l-effikaċja tal-prodott meta mqabbla mal-kundizzjonijiet li fihom ikunu saru t-testijiet standard."***

Or. en

(32009R1107)

Emenda 774
Cristina Maestre

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 29 – paragrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(18a) Fl-Artikolu 29, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
3. Il-konformità mar-rekwiżiti ***stabbiliti fil-punt*** (b) u ***fil-punti*** (e) sa (h) ***tal-paragrafu 1*** għandha tiġi stabbilita permezz ta' testijiet u analiżi uffiċjali jew rikonoxxuti uffiċjalment, imwettqa f'kondizzjonijiet agrikoli, tas-saħħa tal-pjanti u ambjentali rilevanti għall-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernat u li jirrappreżentaw il-kondizzjonijiet prevalenti fiż-żona fejn il-prodott ***mistenni*** jintuża.	3. Il-konformità mar-rekwiżiti ***msemmija fil-paragrafu 1, il-punt*** (b) u ***l-punti*** (e) sa (h) għandha tiġi stabbilita permezz ta' testijiet u analiżi uffiċjali jew rikonoxxuti uffiċjalment, imwettqa f'kondizzjonijiet agrikoli, tas-saħħa tal-pjanti u ambjentali rilevanti għall-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernat u li jirrappreżentaw il-kondizzjonijiet prevalenti fiż-żona fejn il-prodott għandu jintuża***, inkluża valutazzjoni tar-riskju dwar id-disponibbiltà ta' miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju b'attenzjoni partikolari għat-tekniki ta' applikazzjoni***.

Or. en

Emenda 775
Flavio Tosi, Massimiliano Salini, Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 29 – paragrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Fl-Artikolu 29, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
3. Il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (b) u fil-punti (e) sa (h) tal-paragrafu 1 għandha tiġi stabbilita permezz ta' testijiet u analiżi uffiċjali jew rikonoxxuti uffiċjalment, imwettqa f'kondizzjonijiet agrikoli, tas-saħħa tal-pjanti u ambjentali rilevanti għall-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernat u li jirrappreżentaw il-kondizzjonijiet prevalenti fiż-żona fejn il-prodott mistenni jintuża.	"3. Il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (b) u fil-punti (e) sa (h) tal-paragrafu 1 għandha tiġi stabbilita permezz ta' testijiet u analiżi uffiċjali jew rikonoxxuti uffiċjalment, imwettqa f'kundizzjonijiet agrikoli, tas-saħħa tal-pjanti u ambjentali rilevanti għall-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernat u li jirrappreżentaw il-kundizzjonijiet prevalenti fiż-żona fejn il-prodott mistenni jintuża***, inkluża valutazzjoni tar-riskju bbażata fuq id-***

disponibbiltà ta' miżuri ta' ġestjoni tar-riskju b'attenzjoni partikolari għat-tekniki ta' applikazzjoni."

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tekniki ta' applikazzjoni jistgħu jikkontribwixxu b'mod konsiderevoli għall-mitigazzjoni tar-riskji assoċjati mal-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (PPPs) u għalhekk għandhom jitqiesu b'mod espliċitu.

Emenda 776
Mireia Borrás Pabón, Anne-Sophie Frigout, Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 29 – paragrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(18a) fl-Artikolu 29, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
3. Il-konformità mar-rekwiżiti ***stabbiliti fil-punt*** (b) u ***fil-punti*** (e) sa (h) ***tal-paragrafu 1*** għandha tiġi stabbilita permezz ta' testijiet u analiżi uffiċjali jew rikonoxxuti uffiċjalment, imwettqa f'kondizzjonijiet agrikoli, tas-saħħa tal-pjanti u ambjentali rilevanti għall-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernat u li jirrappreżentaw il-kondizzjonijiet prevalenti fiż-żona fejn il-prodott ***mistenni*** jintuża.	"3. Il-konformità mar-rekwiżiti ***msemmija fil-paragrafu 1, il-punt*** (b) u ***l-punti*** (e) sa (h) għandha tiġi stabbilita permezz ta' testijiet u analiżi uffiċjali jew rikonoxxuti uffiċjalment, imwettqa f'kondizzjonijiet agrikoli, tas-saħħa tal-pjanti u ambjentali rilevanti għall-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernat u li jirrappreżentaw il-kondizzjonijiet prevalenti fiż-żona fejn il-prodott għandu jintuża***, inkluża valutazzjoni tar-riskju dwar id-disponibbiltà ta' miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju b'attenzjoni partikolari għat-tekniki ta' applikazzjoni***.

Or. en*(32009R1107)*

Ġustifikazzjoni

the good practices and the new application techniques can contribute to a considerable extent to mitigating the risks associated with the use of plant protection products (PPPs) and should therefore be explicitly taken into consideration.The requirement for Member States to consider 'all available risk mitigation measures' in the context of substance/products

assessments should not give place to divergent interpretation among Member States, diverging outcomes of risk assessments, and unequal access to plant protection products for farmers among Member State. The implementation of all available risk mitigation measures by Member States should be harmonised

Emenda 777
Krzysztof Hetman, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 29 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fl-Artikolu 29, il-paragrafu 3, jiddaħħal is-subparagrafu 1a ġdid:
	1a. Meta ż-żona maħsuba għall-użu ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti tinkludi reġjuni bijoġeografiċi b'kundizzjonijiet pedoklimatiċi speċifiċi, l-applikant għandu jkun meħtieġ jissottometti data supplimentari dwar l-effikaċja miġbura skont il-kundizzjonijiet ta' dawk ir-reġjuni bħala parti mid-dossier tal-awtorizzazzjoni.

Or. en

Emenda 778
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18a (ġdid)
Ir-Regolament 1107/2009/KE
Artikolu 29 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Fl-Artikolu 29, jiżdied il-paragrafu 3a li ġej:
	"3a. Meta ż-żona maħsuba għall-użu ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti tinkludi reġjuni bijoġeografiċi

b'kundizzjonijiet pedoklimatiċi speċifiċi mhux irrappreżentati fit-testijiet imwettqa mill-Istat Membru relatur, id-data supplimentari dwar l-effikaċja u r-riskju miġbura skont il-kundizzjonijiet ta' dawk ir-reġjuni għandha tkun meħtieġa bħala parti mid-dossier tal-awtorizzazzjoni. Tali data supplimentari għandha titqies fid-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni u fi kwalunkwe proċedura ta' rikonoxximent reċiproku skont l-Artikolu 40. Dan ir-rekwiżit japplika b'mod partikolari għar-reġjuni bijoġeografiċi preżenti fi Stat Membru wieħed biss tal-Unjoni, meta kundizzjonijiet speċifiċi ta' stress pedoklimatiku — inklużi temperaturi għoljin, perjodi ta' nixfa jew pressjoni endemika ta' pesti tal-ħamrija — jistgħu jaffettwaw b'mod sinifikanti l-prestazzjoni u l-effikaċja tal-prodott meta mqabbla mal-kundizzjonijiet li fihom ikunu saru t-testijiet standard. "

Or. en

Ġustifikazzjoni

The proposed amendment corrects a structural flaw in the zonal authorization framework (Annex I and Art. 3(17) of Regulation No 1107/2009), which artificially groups Member States with radically different pedoclimatic conditions, such as Romania and Germany, into the same Zone B. Although Art. 29(3) mandates "representative" testing, internal macro-zone heterogeneity leaves unique ecosystems, like the Romanian Steppe, unrepresented in standard dossiers. This measure safeguards the principle of evidence-based substitution within Integrated Pest Management (IPM): a substance cannot be validly substituted if its alternative has not been evaluated under specific local conditions.

Emenda 779
Ivan David, Anja Arndt, Volker Schnurrbusch, Marc Jongen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 29 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fl-Artikolu 29, jiddaħħal il-paragrafu 6a

li ġej:

"6a. B'deroga mill-paragrafu 1, f'każ ta' periklu serju għas-saħħa tal-pjanti u/jew tal-bniedem, is-sustanza attiva tista' tiġi awtorizzata jekk in-nuqqas ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva jkollu impatt negattiv sproporzjonat fuq il-vijabbiltà tal-agrikoltura, tal-forestrija, taż-żoni ekoloġiċi pubbliċi, taż-żoni naturali, eċċ. meta mqabbel mar-riskji għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali, jew għall-ambjent li jirriżultaw mill-użu tas-sustanza."

Or. en

Emenda 780
Michele Picaro, Carlo Fidanza, Antonella Sberna, Nicola Procaccini, Pietro Fiocchi, Sergio Berlato, Paolo Inselvini, Stefano Cavedagna

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 29 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fl-Artikolu 29, jiżdied il-paragrafu 6a li ġej:
	6a. B'deroga mill-paragrafu 1, prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jista' jiġi awtorizzat meta n-nuqqas ta' awtorizzazzjoni tal-prodott jirriżulta f'impatti negattivi sproporzjonati fuq il-vijabbiltà tal-agrikoltura, meta mqabbla mar-riskji għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għall-ambjent li jirriżultaw mill-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-awtorizzazzjoni.

Or. en

Emenda 781
Esther Herranz García, Gabriel Mato, Raúl de la Hoz Quintano, Carmen Crespo Díaz, Dolors Montserrat, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 29 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a) Fl-Artikolu 29, jiddaħħal il-paragrafu 6a li ġej:
	"6a. B'deroga mill-paragrafu 1, prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jista' jiġi awtorizzat meta n-nuqqas ta' awtorizzazzjoni tal-prodott jirriżulta f'impatti negattivi sproporzjonati fuq il-vijabbiltà tal-agrikoltura, meta mqabbla mar-riskji għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għall-ambjent li jirriżultaw mill-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-awtorizzazzjoni."

Or. en

Emenda 782
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18b (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 29 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18b) fl-Artikolu 29, jiżdied il-paragrafu 6a li ġej:
	6a. B'deroga mill-paragrafu 1, prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jista' jiġi awtorizzat meta n-nuqqas ta' awtorizzazzjoni tal-prodott jirriżulta f'impatti negattivi sproporzjonati fuq il-vijabbiltà tal-agrikoltura, meta mqabbla

mar-riskji għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għall-ambjent li jirriżultaw mill-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-awtorizzazzjoni.”

Or. en

Emenda 783
Paulo do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18b (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 29 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18b) fl-Artikolu 29a, jiddaħħal paragrafu 6a ġdid:
	Rekwiżit tal-vijabbiltà agrikola għall-awtorizzazzjoni
	B’deroga mill-paragrafu 1, prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jista’ jiġi awtorizzat meta n-nuqqas ta’ awtorizzazzjoni tal-prodott jirriżulta f’impatti negattivi sproporzjonati fuq il-vijabbiltà tal-agrikoltura, meta mqabbla mar-riskji għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għall-ambjent li jirriżultaw mill-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-awtorizzazzjoni.

Or. en

Emenda 784
Andrea Wechsler, Stefan Köhler, Alexander Bernhuber, Andreas Glück, Christine Singer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19

Regolament (KE) Nru 1107/2009
Artikolu 30

Test fis-seħħ	*Emenda*
	L-Artikolu 30 huwa sostitwit b'dan li ġej
